# 77

*Rivista li toħroġ kull tliet xhur bl-ewwel ħarġa f'April 1986*

*Computer Setting: Ġwann Abela ofm Joseph Magro ofm*

*Stampat: Gozo Press*



*Il-Materjal kollu li jidher huwa Copyright © ta' l-Istitut Franġiskan u ta' l-Edizzjoni TAU, 2006*


## Werrej


- Editorjal . . . . . . . . . . .1
- Fra Leone u Sħab San Franġisk . . . . . . .2
- Status Ġuridiku ta' l-aħwa Lajċi OFM . . . . . . . . . .7
- Agnese ta' Praga u l-Privileġġ tal-Faqar (2) .10
- Sta. Elizabetta ta' l-Ungerija . . . . . . . . .14
- Sorijiet Franġiskani, Storja u Spiritwalità 16
- Kap. Ġenerali OFM 19
- Kotba: . . . . . . . . . . .21


*Editorjal*

# KAPITLU STRAORDINARJU OFM

Fis-sensiela ta' inizjattivi li l-Ordni tal-Patrijiet Minuri qiegħed iniedi biex jiċċelebra t-800 sena mill-fundazzjoni ta' l-Ordni (1209-2009), din is-sena, iddedikata lis-sejħa ta' Franġisku quddiem il-Kurċifiss ta' San Damiano, se jiġi organizzat Kapitlu Straordinarju f'Santa Maria degli Angeli (Porziuncola), Assisi, mill-14 ta' Settembru sa l-1 ta' Ottubru, li fih se jieħdu sehem il-Ministri Provinċjali flimkien mal-Ministru Ġeneral u l-gvern ta' l-Ordni.

L-iskop ta' laqgħa internazzjonali ta' Franġiskani ta' din il-kwalità hu biex l-Ordni tal-Patrijiet Minuri jkun dejjem aktar konxju mis-sejħa speċifika tiegħu li jiġġedded fid-dinja u fil-Knisja. Fid-dokument ta' preparazzjoni għall-Kapitlu jissemmew diversi fatturi li jnisslu qtiegħ ta' qalb, imma wkoll li jistgħu jkunu sinjali ta' sfida u tama għall-Ordni. L-Ordni għaddej mill-kriżi ta' numri dejjem neżlin (illum hu magħmul minn ftit aktar minn 16.500 patri, filwaqt li 40 sena ilu kellu 'l fuq minn 22.800 membru), u qiegħed iħabbat wiċċu ma' dinja li hi karatterizzata mit-terroriżmu, integraliżmu reliġjuż, u globalizzazzjoni.

Minkejja dawn il-fatturi, l-Ordni jista' jkollu quddiemu ġejjieni mimli tama, jekk l-aħwa jkunu kapaċi li dejjem jiġġeddu u jirrispondu bla biża' quddiem l-isfidi ġodda li jħabbtu wiċċhom magħhom. Dan kien il-messaġġ kontinwu ta' Fr. Gicomo Bini OFM, meta kien Ministru Ġeneral ta' l-Ordni (1997-2003), u li irrepetih lill-Franġiskani kollha Maltin f'laqgħa li kellhom miegħu fid-Dar ta' l-Irtiri Porziuncola fis-16 ta' Ġunju.

Għalina Franġiskani, irġiel u nisa, li ngħixu u naħdmu f'Malta, dawn il-fatturi kollha huma importanti. Irridu nammettu, ukoll jekk xi wħud jippreferu jdeffsu rashom fir-ramel, li l-ħajja ikkonsagrata tar-reliġjużi f'Malta llum għaddejja minn kriżi profonda ta' valuri u minn kriżi numerika. Quddiem Knisja lokali li titħabat biex tiġġedded, imma li tagħmel passi għaqlin, ir-reliġjużi, inklużi aħna l-Franġiskani, bqajna lura mhux ħażin. Hemm sinjali sbieħ profetiċi minn xi individwi u familji reliġjużi, li affaċċjaw sitwazzjonijiet ġodda, bħalma hi l-problema tar-rifuġjati, is-sekolariżmu u l-integraliżmu reliġjuż, imma fil-maġġoranza tagħna jkollna ngħidu li bqajna marbutin ma' nostalġija ta' passat. U dan meta jkollna nibdew naħsbu biex saħansitra nagħalqu kunventi u djar għax ma jkollniex aktar vokazzjonijiet fil-ġejjieni.

Forsi hemm min jgħid li din hi dehra pessimista. Ilna ħafna nisimgħu din l-akkuża, sa minn żminijiet mhux tant 'il bogħod meta l-vuċi ta' l-allarm bdiet tinstema' fostna. L-istorja tagħmel hi l-ġudizzju tagħha fuqna. Dan jurina l-importanza li niġġeddu billi nifhmu iżjed min aħna u x'aħna nagħmlu fil-Knisja u fid-dinja. Il-formazzjoni tagħna hi fundamentali. Għalhekk inkomplu nemmnu li sussidji bħal din ir-rivista, li tissejjaħ Rivista ta' Kultura Franġiskana, għandom skop wieħed: biex iqajjmuna min-ngħas tagħna spiritwali u intellettwali, u jgħinuna nqumu għall-ġmiel li nilqgħu l-isfida tad-dinja u tal-Knisja biex nuru min aħna bil-fatti.

Fr. Noel Muscat ofm

# FRA LEONE U SĦAB SAN FRANĠISK

Enrico Menestò

Titlu oriġinali: "Leone e i compagni di Assisi", *I compagni di Francesco e la prima generazione minoritica*, Atti del XIX Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi, 17-19 ottobre 1991), Spoleto 1992, 33-58.

## *L-ewwel aħwa li nġabru ma' San Franġisk*

L-istudjużi jaqblu li l-istorjografija tiffissa t-twelid tal-moviment Franġiskan fil-jum li fih Franġisku sema' fil-knisja ċkejkna tal-Porziuncola il-qari ta' l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-appostli.

"L-imqaddes Franġisku, wara li kif rajna, temm il-ħidma fuq it-tliet knejjes, kien għadu jilbes it-tonka ta' eremita, kellu f'idejh il-ħatar, kellu l-qorq f'riġlejh u kien imħażżem b'ċinturin. Imma jum minnhom kien qiegħed għall-quddiesa solenni li fiha sema' lil Kristu fl-Evanġelju li jibgħat lid-dixxipli tiegħu biex jippriedkaw, u jgħidilhom biex ma jkollhomx 'la deheb u lanqas fidda, la ħorġa għat-triq, la but, la jġorru ħatar u lanqas ħobż, la qrieq, u lanqas ma għandhom ikollhom żewġ ilbiesi' (cfr. Mt 10,9-10; Mk 6,8-9). Wara li sema' hu fehem dawn il-kelmiet b'mod sħiħ meta talab lill-qassis ifissirhomlu, u mimli b'ferħ li ma jitfissirx minnufih qal: 'Dan hu dak li qed infittex; dan hu dak li nixtieq nagħmel b'qalbi kollha!' Hekk minnufih, malli sema' dawn il-kelmiet, żammhom sħaħ f'moħħu, u bil-ferħ kollu iddeċieda li jwettaqhom, u mingħajr dewmien ħalla warajh dak kollu li kellu, u ma baqax aktar jinqeda bil-ħatar, bil-qorq, bil-but u bil-ħorġa. Għaldaqstant sawwar tonka mill-aktar godda u fqira, u wara li neża' ċ-ċinturin, tħażżem b'ħabel" (LJS 15: FSF 397).

Għalkemm dan ir-rakkont ta' Julian minn Speyer dejjem jiżdied fid-dettalji, l-episodju jinsab ippreżentat b'mod sostanzjalment identiku f'Tommaso da Celano, "Vita Sancti Francisci" (1C 22: FSF 221), fil-"Leggenda dei Tre Compagni" (L3C 25: FSF 561) u f'San Bonaventura, "Legenda Maior Sancti Francisci" (LM 3,1: FSF 1149).

Kif hu faċli li wieħed josserva meta jaqra dawn is-siltiet, ir-rakkont dejjem jiżdied fid-dettalji, bl-iskop li jkun mogħni b'tifsiriet aktar profondi. L-ewwel hemm biss il-qari ta' l-Evanġelju; imbagħad jissemma l-qari ta' l-Evanġelju waqt il-Quddiesa; fl-aħħarnett il-qari ta' l-Evanġelju waqt il-Quddiesa ta' l-appostli.

Meta wieħed jipprova jistabilixxi l-kronoloġija ta' din il-ġrajja, ma jonqsux id-diffikultajiet. Hemm żewġ dati li huma ġeneralment proposti: l-24 ta' Frar, festa ta' San Mattija, appostlu, u t-18 ta' Ottubru, festa ta' San Luqa evanġelista. Is-sena hi l-1208 jew, skond xi oħrajn, l-1209. Fil-fatt dawn kienu l-jiem li fihom fil-liturġija kien jinqara l-Evanġelju tal-missjoni ta' l-appostli. Imma ġie ippreżentat ukoll studju li fih argumenti tajbin u konvinċenti, li jqiegħed l-episodju bejn id-9 u l-14 ta' April 1208 (L. DI FONZO, "Per la cronologia di S. Francesco: gli anni 1182-1212", *Miscellanea Francescana*, LXXXII (1982) 72-86).

Barra minn din it-tradizzjoni, iżda, hemm tradizzjoni oħra marbuta mal-bidu tal-fraternità Franġiskana. Il-għażla ta' faqar, ippriedkata bil-kliem, imma fuq kollox bl-azzjoni, kienet ħeġġet lil xi żgħażagħ minn Assisi biex isegwu l-eżempju ta' Franġisku.

L-Anonimo Perugino jgħid: "Meta raw u semgħu dan kollu, żewġ irġiel mill-belt ta' Assisi, imnebbħin miż-żjara tal-grazzja divina, marru għand Franġisku bl-umiltà. Wieħed minnhom kien fra Bernardo u l-ieħor fra Pietro" (AP 10: FSF 499). Dawn kienu Bernardo da Quintavalle, u ċertu Pietro, li t-tradizzjoni tidentifikah, imma bla provi storiċi, ma' Pietro Cattani, ġurista u kanonku ta' San Rufino. It-tnejn li huma talbu lil Franġisku biex joqogħdu miegħu, sakemm il-qaddis mar magħhom fil-knisja ta' San Nicolò fil-pjazza ta' Assisi, u hemm ikkonsultaw għal tliet darbiet il-Missal li fih iltaqgħu mas-siltiet evanġeliċi li kellhom jipprovdu l-bażi tal-forma ta' ħajja tal-bidunett tal-Patrijiet Minuri.

Hu kważi impossibbli li wieħed jagħżel bejn iż-żewġ tradizzjonijiet. Saħansitra Tommaso da Celano, fil-"Vita secunda", il-Leggenda dei Tre Compagni u San Bonaventura, billi ma kienux jafu jagħżlu bejn iż-żewġ rakkonti, iddeċidew li jġibuhom it-tnejn. Din id-darba wkoll ir-rakkont hu arrikkit b'dettalji ġodda. Hekk għall-AP 10 u għal 2C 15, l-episodju seħħ fi knisja tal-belt mhux speċifikata. Għal L3C 28 u Bonaventura, LM 3,3, il-knisja kienet dik ta' San Nicolò, fil-pjazza ta' Assisi. Rigward il-Missal miftuħ għal tliet darbiet, it-Tre Compagni jitkellmu minn prattika devota u ta' stil folkloristiku, fuq it-tip tas-"sortes apostolorum", li kienet tikkonsisti filli wieħed jiftaħ l-Iskrittura kif ġie ġie, jaqra l-ewwel vers li jaqa' taħt għajnejh, u jifhem hekk ir-rieda ta' Alla għalih. Ir-

rit kellu jsir tliet darbiet, u quddiem altar u fil-preżenza ta' saċerdot. Minkejja li din il-prattika kienet tidher ortodossa, fil-fatt mhux l-ewwel darba kienet marbuta ma' elementi maġiċi u l-Knisja kienet tikkundannaha. Hu għal din ir-raġuni li kemm it-Tre Compagni kif ukoll Bonaventura jgħidu li din kienet att ta' devozzjoni li Franġisku kellu lejn it-Trinità.

Jiena jidhirli li, mhux biss li ż-żewġ tradizzjonijiet huma storikament awtentiċi, imma wkoll li jistgħu jeżistu flimkien mingħajr l-ebda diffikultà. Jekk l-ewwel episodju nistgħu niddatawh bejn id-9 u l-14 ta' April 1208, għat-tieni episodju l-istess AP jagħtina data partikulari, jiġifieri dik tas-16 ta' April 1208: "Wara li għaddew 1207 sena mill-Inkarnazzjoni tal-Mulej, fis-16 ta' April … Alla dawwal lil bniedem, li kien mill-belt ta' Assisi, u li kien jismu Franġisku" (AP 3: FSF 492). Billi, skond il-"computo fiorentino", is-sena 1207 kienet tintemm fl-24 ta' Marzu 1208, mela s-16 ta' April kien fl-1208.

Hu għaldaqstant possibbli li, fi żmien qasir ta' tmint ijiem, inqiegħdu flimkien l-episodju ta' Franġisku li jisma' l-Evanġelju ta' l-appostli, u dak ta' Franġisku li, flimkien ma' Bernardo u Pietro, jiftaħ għal tliet darbiet il-Missal tal-knisja ta' San Nicolò.

Fuq kollox hemm fatt innegabbli: jiġifieri li diġà fis-16 ta' April 1208, Franġisku kellu żewġ sħab. Hu stess jiddikjara dan fit-Testment: "U wara li l-Mulej għoġbu jagħtini l-aħwa, ħadd ma urieni x'kelli nagħmel, imma l-istess l-Aktar Għoli nebbaħni li kelli ngħix skond il-forma ta' l-Evanġelju mqaddes" (Test 14-15: FSF 188).

Franġisku qatt ma jagħmel riferiment għal xi skoperta solitarja ta' l-Evanġelju. Din l-iskoperta hu jgħid li għamilha wara li l-Mulej għoġbu jagħtih l-aħwa.

L-ewwel sħab li inġabru madwar San Franġisk "huma barra minn kull tiftix ta' prożelitiżmu: huma l-frott ta' azzjoni ta' grazzja, hekk li hu barra minn kull medjazzjoni li tkun attwata l-għażla ta' ħajja skond il-mudell evanġeliku" (G. MICCOLI, "La proposta cristiana di Francesco d'Assisi", *Studi Medievali*, 3a serie, XXIV (1983), 40).

Flimkien ma' Bernardo, iċ-ċittadin nobbli u għani ta' Assisi, u ma' Pietro, fit-23 ta' April ingħaqad Egidio, "bniedem sempliċi u ġust u jibża' minn Alla" (1C 25: FSF 224). Minn dak il-mument jingħata bidu għall-predikazzjoni itineranti. Xi ftit taż-żmien wara, bejn Mejju u Ġunju 1208, Franġisku u Egidio jmorru fil-Marca di Ancona; wara xahar jirritornaw lejn il-Porziuncola fejn kien hemm it-tnejn l-oħrajn. Kien x'aktarx bejn Ġunju u Lulju li żdiedu magħhom grupp ieħor ta' aħwa: Sabbatino, Morico u Giovanni de Cappella. Bejn Ottubru u Diċembru Franġisku organizza t-tieni missjoni; hu jibgħat tnejn, tnejn lill-aħwa fid-direzzjoni tat-tramuntana, taċ-ċentru u tan-nofsinhar ta' l-Italja. Franġisku baqa' l-Porziuncola biex jilqa' s-seba' wieħed fost l-aħwa, Filippo Longo minn Rieti, li miegħu, x'aktarx bejn Novembru u Diċembru, Franġisku jmur għall-missjoni f'Poggio Bustone u fil-Valle di Rieti. Fil-bidu ta' l-1209 Franġisku u s-seba' sħabu jinġabru fil-Porziuncola, "fejn ingħaqdu magħhom erba' rġiel oħrajn twajbin u jistħoqqilhom, biex hekk jimxu wara l-qaddis ta' Alla" (1C 31: FSF 228). Dawn kienu Giovanni da San Costanzo, Barbaro di Assisi, Bernardo di Vigilante u Angelo Tancredi di Rieti. Dawn kollha kienu issa jiffurmaw il-grupp tat-tnax – bħall-appostli – li kienu jinsabu fil-Porziuncola fir-rebbiegħa ta' l-1209.

Franġisku kellu motiv biex iħossu inkwetat, kemm minħabba d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom l-ewwel aħwa fil-missjonijiet tagħhom, kif ukoll minħabba d-dubji li kellu dwarhom l-isqof ta' Assisi. Biex jipprova jsolvi b'mod radikali din is-sitwazzjoni ikkumplikata, Franġisku jiddeċiedi li jmur mal-ħdax fil-belt ta' Ruma għand il-Papa Innoċenz III biex jitolbu l-approvazzjoni tal-forma ta' ħajja evanġelika tagħhom. Nafu mill-bijografi l-fatti li seħħew Ruma sakemm Franġisku rnexxielu jakkwista approvazzjoni bil-fomm biss dwar il-forma ta' ħajja evanġelika. Dawn it-tnax l-aħwa ingħataw bħala sinjal ta' rikonoxximent u awtorizzazzjoni għall-predikazzjoni penitenzjali tonsura żgħira. Ma ninsewx li huma kienu kollha lajċi. Ma nafux jekk kienx hemm fosthom Pietro Cattani (ara aktar 'il fuq), u ċertament ma kienx hemm Silvestro, li kien saċerdot u kanonku tal-kattidral ta' Assisi meta iltaqa' ma' Franġisku. Silvestro kellu jidħol aktar tard u jkun it-tnax-il wieħed fost sħab Franġisku. Miegħu nistgħu ngħidu li tibda t-tieni ġenerazzjoni ta' sħab, dik li fiha daħlu Giovanni da Nottiano imlaqqam il Semplice, Rufino, Leonardo, Leone, Ginepro, Giacomo, Tebaldo, Agostino, Masseo di Marignano, Elia, Illuminato dell'Arce, Pacifico, Simone da Collazzone. Imma min kienu u minn fejn kienu ġejjin dawn sħab San Franġisk? Fil-fatt, dwar sħab San Franġisk il-bijografija mhijiex abbundanti (A. FORTINI, "Gli uomini di Assisi compagni del santo", *Nova vita di san Francesco*, II, Assisi, 1959, 273-314; E. GRAU, "Die ersten Brüder des heiligen Franziskus", *Franziskanische Studien* 40 (1958) 132-144; D.E. CELIGUETA, *I primi compagni di San Francesco*, Edizioni Messaggero Padova,

1995). Angelo Tancredi u Masseo da Marignano kienu kavallieri. Bernardo di Quintavalle, Leonardo di Assisi, Rufino di Scipione kuġin ta' Klara, u Simone da Collazzone, kienu nobbli. Pietro Cattani u Silvestro kienu saċerdoti, filwaqt li kienu ġejjin mill-"borghesia" t'Assisi, skond xi dokumenti ta' arkivji, Morico, Giovanni di San Costanzo, Bernardo di Vigilante, kif ukoll Filippo Longo, Illuminato dell'Arce u Pacifico "re dei versi". Kienu ġejjin minn familji umli Sabbatino, Giovanni della Cappella, Egidio, Ginepro, Giovanni da Nottiano. Dan ta' l-aħħar kien bidwi. Ma nafu xejn dwar Barbaro, Giacomo, Tebaldo u Agostino. Rigward Elia l-oriġini tiegħu huma inċerti. Skond Salimbene u Thomas of Eccleston, Elia kien "scriptor Bononiae" (skriba f'Bologna), u kien ġej minn familja kemmxejn umli.

### *Fra Leone u r-relazzjoni tiegħu ma' San Franġisk*

Dwar fra Leone qabel ma daħal fl-Ordni wkoll ma nafu xejn. Nafu li twieled lejn tmiem is-seklu 13 probabilment f'Assisi. Hemm tradizzjoni differenti, meħuda minn Francesco Bartoli fit-"Tractatus de indulgentia S. Mariae de Portiuncula", li tgħid li kien ġej minn Viterbo. Kienet saret rikonjizzjoni tal-fdalijiet tiegħu fl-1755, mill-qabar fejn hu midfun fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi, flimkien ma' Rufino, Masseo u Angelo.

Rigward il-fonti għall-ħajja ta' fra Leone, iżda, għandna abbundanza. Hekk insibu riferimenti għal Leone f'Tommaso da Celano; "Compilatio Assisiensis"; il-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara u l-Leġġenda ta' Santa Klara; Thomas of Eccleston, "Tractatus de adventu Fratrum Minorum in Angliam", collatio XIII; LM XI,9; "Liber exemplorum fratrum Minorum saeculi tertii decimi" (Antonianum 2 [1927] 231, 239, 240); Bernard da Besse, "Liber de Laudibus sancti Francisci" I; Salimbene da Parma, "Cronaca"; Ubertino da Casale, "Arbor vitae crucifixae Iesu", lib. V; Angelo Clareno, "Historia septem tribulationum"; "Actus/Fioretti"; "Chronica XXIV generalium Ordinis Minorum" (Analecta Franciscana III, 66-74); Bartolomeo da Pisa, "De conformitate vitae beati Francisci ad vitam Domini Iesu" (Analecta Franciscana IV u V). Sfortunatament, minkejja l-abbundanza ta' xhieda ta' dokumenti, l-fatti li huma rakkontati huma kważi dejjem l-istess.

Leone x'aktarx li ingħaqad ma' l-aħwa wara l-approvazzjoni orali tal-"forma vitae" minn Innoċenz III. Hu kien ordnat saċerdot ftit qabel jew wara ma beda jsegwi lil Franġisku. Għaldaqstant hu kien fost l-aħwa li ġew fit-tieni mument. Dan, iżda, ma fixklux milli jsir wieħed minn fost l-aktar sħab intimi u maħbubin ta' Franġisku, li kien iridu bħala l-konfessur u s-segretarju tiegħu.

Kif nistgħu nikkonkludu mill-ittra ta' ħbiberija li Franġisku kitiblu – u li hi mħarsa bħala kitba awtografa fil-kattidral ta' Spoleto – Leone kellu karattru kemmxejn imħabbat. L-ittra, fil-fatt, issemmi diskussjoni li Leone u Franġisku kellhom dwar kif ikun l-aħjar mod li bih Leone seta' jogħġob lil Alla u jimxi wara Kristu fil-faqar. Franġisku jqawwa qalb Leone u jgħidu biex jimxi fuq il-kuxjenza tiegħu meta jagħżel l-aħjar mod kif jaqdi lil Alla fuq il-passi tal-faqar ta' Kristu. Fuq kollox Franġisku jgħid lil Leone li hu jikitblu bħalma omm tikteb lil binha, u jistiednu jiġi għandu kull meta jħoss il-bżonn tal-faraġ.

Leone kien bniedem kolt, kien jaf tajjeb il-lingwa latina, u kien ċertament l-amanwensi li kien jikteb il-biljetti li kien jibgħat San Franġisk. Ir-rakkont ċelebri tal-"perfetta letizia" li fih Franġisku, wara vjaġġ minn Perugia lejn Santa Maria degli Angeli, jordna lil sieħbu biex jikteb, jirrappreżenta forsi rejaltà komuni li kienet tiġri ta' spiss. "Bosta mill-awtografi u kitbiet ta' Franġisku rridu nfittxuhom fil-kitbiet ta' fra Leone" (STANISLAO DA CAMPAGNOLA, *Francesco d'Assisi nei suoi scritti e nelle sue biografie dei secoli XIII-XIV,* Assisi 1977, 24).

Hu probabbli li nistgħu nidentifikaw ma' fra Leone dak il-patri li, f'Awissu 1220, meta Franġisk kien qed jirritorna minn Verona u kellu jgħaddi minn Bologna, ordnalu joħroġ mid-dar ta' l-aħwa, avolja kien marid, billi qjies dik id-dar bħala insult għall-faqar. Nafu li Leone kien jgħix għal żmien twil fil-Porziuncola. Kien ċertament hemmhekk fl-1220-1221, meta Pietro Cattani kien vigarju ta' San Franġisk. Imma mill-mument li fih Franġisku irtira fl-eremitaġġ ta' Fonte Colombo, fir-rebbiegħa ta' l-1223, biex hemm jikteb ir-Regola, insibu li fra Leone kien dejjem ħdejh. Meta ġiet approvata r-Regola Bollata minn Onorju III fid-29 ta' Novembru 1223, Franġisku intebaħ li l-ħolma evanġelika tiegħu kienet issa għoddha se tiġġarraf. Fil-fatt, narawh dejjem aktar maqtugħ għalih waħdu, bi ftit sħab li baqgħu l-aktar fidili lejh. Beda għaddej minn żmien ta' tbatija kbira, mhux biss minħabba l-mard li kellu, imma fuq kollox minħabba s-sitwazzjoni li fiha kien jinsab l-Ordni. Imma fra Leone baqa' dejjem miegħu.

F'Awissu 1224, flimkien ma' Masseo, Angelo, Silvestro, Illuminato, u Leone, Franġisku jitlaq lejn La Verna biex hemmhekk jgħaddi r-randan ta' San Mikiel u l-preparazzjoni għall-festa ta' l-

Eżaltazzjoni tas-Salib. Kien hawn li Franġisku, wara li kellu l-viżjoni tas-Serafin imsallab fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Settembru, irċieva l-istimmati, u kiteb għal fra Leone l-famuża "Chartula" bit-Tifħir lil Alla l-għoli u l-Barka li ta personalment lil fra Leone, li kien għaddej minn diffikultà kbira fl-ispirtu tiegħu.

Din il-parċmina, mitwija f'erbgħa, fra Leone baqa' jgħożża sa tmiem ħajtu, u llum għadna nistgħu narawha mħarsa fil-kappella tar-relikwi tal-Bażilika inferjuri ta' San Franġisk. Ta' min jinnota r-rubriki miktubin b'linka ħamra li fra Leone żied ma' din il-parċmina bi spjegazzjoni: "L-imqaddes Franġisku, sentejn qabel ma miet, għadda randan fuq il-muntanja La Verna, f'ġieħ il-Verġni mqaddsa Marija, Omm Alla, u San Mikiel Arkanġlu, mill-festa ta' l-Assunzjoni ta' Marija Verġni sal-festa ta' Settembru ta' San Mikiel Arkanġlu [15 ta' Awissu – 29 ta' Settembru]; u l-id ta' Alla kienet fuqu: wara l-viżjoni u l-kliem tas-serafin u wara li ġew stampati l-istimmati ta' Kristu fuq ġismu, hu sawwar dan it-tifħir, li hu miktub fuq in-naħa ta' wara ta' din il-parċmina, u kitibhom b'idejh stess, filwaqt li radd ħajr lill-Mulej tal-benefiċċju li hu għoġbu jagħtih". Fit-tieni nota Leone jikteb: "L-imqaddes Franġisku kiteb b'idejh stess din il-barka lili fra Leone". U fit-tielet nota nsibu: "Bl-istess mod, b'idejh stess, hu pinġa dan is-sinjal tat-Tau 'cum capite'".

Wara li ħalla La Verna, Leone akkumpanja lil Franġisku tul ix-xahar kollu ta' Ottubru 1224 fil-vjaġġ tiegħu ta' ritorn lejn il-Porziuncola, li fih għadda minn Borgo San Sepolcro, Monte Casale, Città di Castello. F'Diċembru 1224 u fi Frar 1225 Leone kien mill-ġdid ma' San Franġisk meta dan mar idur l-Umbria u l-Marche biex jippriedka. F'Marzu 1225 Leone kien ma' Franġisku f'San Damiano, fejn il-qaddis sawwar il-Għanja tal-Ħlejjaq. Kien ukoll miegħu matul l-aħħar vjaġġi tiegħu bejn Ġunju 1225 u Lulju-Awissu 1226 fi Rieti, Fonte Colombo, Siena, Cortona, Bagnara, Nocera Umbra. Fl-aħħarnett kien miegħu meta rritorna fil-palazz ta' l-isqof ta' Assisi f'Settembru 1226 u fil-mument tal-mewt tiegħu fil-Porziuncola. Leone assista wkoll lil Santa Klara, flimkien ma' Ginepro u Angelo, meta din mietet fil-11 ta' Awissu 1253. Hu kien imsejjaħ mill-isqof Bortolomeo di Spoleto, flimkien ma' Angelo u Leonardo, arċidjaknu ta' Spoleto, Giacomo arċipriet ta' Trevi, u fra Marco kappillan tal-monasteru ta' San Damiano, biex jagħmel parti mit-tribunal imwaqqaf mill-istess Bartolomeo għall-proċess ta' beatifikazzjoni ta' Klara, ordnat minn Innoċenz IV fit-18 ta' Ottubru 1253, u li sar f'Assisi lejn it-tmiem ta' Novembru ta' dik is-sena.

Madwar l-1260 il-Klarissi ħallew San Damiano biex jittrasferixxu ruħhom fil-knisja ta' San Giorgio, fejn kienet indifnet Klara. Kien x'aktarx f'din iċ-ċirkustanza li Leone u Angelo taw lil swor Benedetta, l-ewwel badessa tal-protomonasteru ta' Santa Klara, il-brevjar ta' San Franġisk biex jitħares hemmhekk b'tifkira u devozzjoni lejn il-missier imqaddes. Il-manuskritt, li sallum għadu mħares fil-protomonasteru ta' Santa Klara, fih diversi partijiet miktubin minn idejn differenti. Imma l-veru brevjar, li hu l-parti l-aktar qadima tal-manuskritt, jidher miktub bejn l-1216 u l-1223 minn kappillan tal-kurja rumana; mal-brevjar hemm miżjud l-evanġeljarju, li juri influssi tal-liturġija gallikana. Il-brevjar fih ukoll salterju miktub minn amanwensi minn Bologna. Mill-id ta' fra Leone ħarġu xi korrezzjonijiet, li inkitbu wara l-



*Sħab San Franġisk fil-mument tat-transitu tiegħu fil-Porziuncola*

ordinazzjonijiet ta' Haymo of Faversham (1244): partikolarment il-litaniji fi tmiem is-salterju, ir-rubriki li żdiedu ma' l-uffiċċju tal-mejtin u ma' dak tal-Verġni Marija u xi noti marġinali. Jidher ċar li Leone kellu oriġinarjament il-brevjar u l-evanġeljarju, kif jikteb hu stess fir-rubrika:

"L-imqaddes Franġisku kien akkwista dan il-brevjar għal sħabu fra Angelo u fra Leone, u meta hu kien f'saħħtu, ried dejjem jitlob l-uffiċċju kif hemm miktub fir-regola … Ġiegħel ukoll li jinkiteb dan l-evanġeljarju, u f'dawk il-jiem li fihom ma kienx jista' jisma' l-quddiesa minħabba l-mard jew minn xi impediment ieħor li jidher, kien ikun irid li jaqrawlu l-Evanġelju tal-quddiesa ta' dak l-istess jum. U hu kompla jagħmel hekk sa ma miet … Għal dawn ir-raġunijiet fra Angelo u fra Leone jitolbu b'insistenza lil Benedetta, badessa tas-sorijiet foqra tal-monasteru ta' Santa Klara u lill-badessi kollha li jiġu warajha, biex iħarsu dejjem fil-monasteru tagħhom dan il-ktieb, b'tifkira u devozzjoni tal-missier imqaddes li kien qara minnu tant drabi" (*Testimonia minora saeculi XIII de s. Francisci Assisiensis,* ed. L. LEMMENS, Ad Claras Aquas, 1926 [Collectanea Philosophico-Theologica, III], 61).

Hi aktar ikkumplikata l-kwestjoni tal-brevjar l-ieħor, imsejjaħ ta' Santa Klara, li llum hu mħares fil-kunvent ta' San Damiano f'Assisi, li hu datat għal madwar is-snin 1230-1235. Mhux faċli nkunu nafu jekk dan il-brevjar kienx ikkupjat minn fra Leone, kif jurina S. A. Van Dijk ("The Breviary of Saint Clare", *Franciscan Studies* 8 (1948) 25-46).

Ftit huma l-aħbarijiet l-oħrajn li nsibu dwar fra Leone. Sabatier u Fortini jagħtuna informazzjoni dwar legat ta' erbgħin sold għal tonka a favur ta' fra Leone, imħolli fit-testment ta' Giovanna di Benevenuto di Bonaventura fit-8 ta' April 1258. Aħbar oħra dwaru tgħid li hu kien viżitatur jew kappillan tal-Klarissi ta' Assisi, kif nistgħu naqraw minn ittra li Bonaventura kiteb lill-badessa u s-sorijiet tal-monasteru ta' La Verna fil-bidu ta' Ottubru 1259, fejn Bonaventura jsejjaħlu "l-aktar għażiż tagħna fra Leone". Xhieda oħra nsibuha fit-2 ta' Awissu 1267, mogħtija minn Francesco da Fabriano, kronista dwar l-indulġenza tal-Porziuncola: "Dan jagħti xhieda għalih fra Leone, wieħed minn sħab San Franġisk, bniedem ta' ħajja retta, li jiena fra Franġisku rajtu f'dik is-sena li dħalt mal-patrijiet, meta mort għall-imsemmija indulġenza. Hu qalli li hu, l-imsemmi fra Leone, kien sema' b'widnejh stess minn fomm San Franġisk ir-rakkont ta' kif ġiet mogħtija l-indulġenza imsemmija" (*Archivum Franciscanum Historicum* 52 (1959), 170).

Dwar il-mewt ta' fra Leone nafu li din seħħet fit-13 ta' Novembru 1271.

### *Fra Leone mudell ta' fedeltà lejn San Franġisk*

L-isem ta' fra Leone, flimkien ma' dak ta' fra Rufino u fra Angelo, hu marbut ma' dak il-"florilegio", jew ġabra ta' tifkiriet dwar San Franġisk, li dawn it-"Tre Compagni" bagħatu lill-ministru ġeneral Crescenzio da Iesi mill-eremitaġġ ta' Greccio nhar il-11 ta' Awissu 1246. Skond l-ittra tagħhom li waslet għandna, dawn l-aħwa bagħatu lill-ministru ġeneral mhux biss ix-xhieda tat-tifkiriet tagħhom, imma wkoll dawk ta' aħwa oħrajn li kienu jafu personalment lil Franġisku, jiġifieri Filippo Longo, Illuminato, Masseo, Egidio u Bernardo, kif ukoll ix-xhieda ta' ċertu fra Giovanni, li x'aktarx kien Giovanni da Perugia, illum meqjus l-awtur ta' l-"Anonimo Perugino".

Hu ċert li fra Leone kien il-kap li mexxa din l-inizjattiva, billi hu kien l-aktar wieħed kolt fil-grupp u dak li kellu l-aktar esperjenza tal-kitba.

Leone u sħabu jgħidu lill-ministru ġeneral li huma kellhom l-iskop li jippreżentaw mhux leġġenda ordnata, imma ġabra ta' "flores" (ward) ta' tifkiriet. Huma ma kienux interessati fil-mirakli, li juru imma ma jikkostitwux il-qdusija.

Il-mistoqsija, iżda, hi: x'sar mill-famuż "florilegio"? Lilna waslitilna biss l-ittra mibgħuta lil Crescenzio, imma mhux il-materjal dokumentarju. L-istudjużi llum jeskludu rabta tal-materjal mal-"Leggenda dei Tre Compagni" jew ma' l-"Anonimo Perugino", imma jsibu rabta kbira mal-"Compilatio Assisiensis", li fl-istruttura tagħha taqbel ħafna ma' l-intenzjonijiet tat-"Tre Compagni".

Fra Leone, iżda, baqa' l-aktar marbut mal-materjal li nsibu fi "Speculum Perfectionis". Dan kien mertu ta' Paul Sabatier li, iddefenda l-paternità ta' fra Leone għall-materjal kollu ta' SP, hekk li tah importanza aktar mill-materjal tal-leġġendi "uffiċjali" ta' Celano u Bonaventura.

Illum il-ġurnata, grazzi għall-istudju mimli reqqa ta' Edith Pásztor tal-manuskritt 1/73 tal-Bibljoteka tal-Kulleġġ Irlandiż ta' Saint Isidore, f'Ruma, kif ukoll ta' opri oħrajn ta' Pietro di Giovanni Olivi, Ubertino da Casale u Angelo Clareno, nistgħu naslu biex ikollna l-"corpus" tas-siltiet awtentiċi miktubin minn fra Leone, l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam maż-żewġ opri l-aktar ċelebri ta' Leone: "Verba Sancti Francisci" u "Intentio Regulae" (cfr. E. PASZTOR, "Gli scritti leonine", *La questione francescana dal Sabatier ad oggi*. Atti del I Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani [Assisi, 18-20 ottobre 1973], Assisi 1974, 199-212; "Frate Leone

testimone di Francesco", *Collectanea Franciscana* 50 (1980) 35-84).

Hu diffiċli li nkunu nafu eżattament il-kontenut ta' l-affermazzjoni famuża ta' Ubertino da Casale dwar it-tifkiriet "li kienu solennement miktubin fil-ktieb li kien hemm fl-armadju tal-patrijiet f'Assisi u fir-rotoli li jiena nżomm għandi, u li ġew miktubin minn id fra Leone".

Mhix ħaġa stramba li nimmaġinaw li fra Leone kompla jikteb u jirrakkonta t-tifkiriet tiegħu dwar San Franġisk sa jum mewtu.

Leone miet, kif għidna, fit-13 ta' Novembru 1271. L-Ordni kien diġà għadda minn mumenti imqallbin ħafna. Fl-1257 l-istess ministru ġeneral fra Giovanni da Parma kien irreżenja mill-kariga tiegħu minħabba s-simpatiji li kellu lejn it-tagħlim ta' Gioacchino da Fiore, u minħabba l-iskandlu li kienet qajjmet l-opra tal-Franġiskan Gerardo di Borgo San Donnino, "Introductorius in Evangelium aeternum". Kien iż-żmien tal-polemika bejn il-mendikanti u l-"magistri" sekulari ta' l-Università ta' Pariġi, u fi ħdan l-Ordni n-nuqqas ta' qbil dwar il-faqar u l-interpretazzjoni tar-Regola beda dejjem jiżdied. Dan wassal għall-isfida ta' xi wħud mill-aħwa tal-bidu, li raw fi fra Leone l-mexxej naturali tagħhom. Diġà kienet ħraxet it-tensjoni sa minn żmien il-ġeneralat ta' fra Elia (1232-1239) jekk nemmnu dak li naqraw fil-"Chronica XXIV generalium" fejn jiġi rakkontat li fra Leone farrak il-ġarra tal-ġebel li fiha l-pellegrini kienu jixħtu l-offerti għall-bini tal-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Kienet ġlieda li kellha twassal biex tidentifika fi fra Elia l-mexxej ta' dawk li riedu Ordni stabilit fil-Knisja u li jkollu qaww u mezzi fl-apostolat tiegħu, u fi fra Leone l-mexxej ta' l-aħwa li riedu jiddefendu s-safa ta' l-ispirtu tal-fraternità tal-bidu madwar Franġisku. Kienet diviżjoni li lanqas il-medjazzjoni ta' San Bonaventura ma rnexxielha tfejjaqha.

Dak li hu evidenti fil-figura ta' Leone aktar minn oħrajn hu l-fatt li hu figura karatterizzata mill-ħbiberija fraternal ma' Franġisku u mill-kuntrasti ma' Elia. Il-konfront Franġisku/Elia kien għal Leone kawża ta' uġiegħ il-qalb u kien jara abbiss bejn dawn it-tnejn. Imma Leone x'aktarx li ma fehemx il-konkretezza storika ta' Elia, u lanqas is-sens tal-ħidma tiegħu li ried jiġbor il-fenomenu Franġiskan fl-istruttura tal-Knisja, kif ma fehemx biżżejjed il-qawwa dinamika ta' Franġisku, li fis-skiet u fiċ-ċaħda ta' polemika u kliem ried juri s-sottomissjoni tiegħu meta identifika lilu nnifsu ma' Kristu msallab.

# L-ISTATUS ĠURIDIKU TA' L-AĦWA LAJĊI OFM

*Fabiano Aguilar Satler OFM*

It-tliet fergħat ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri qegħdin iħejju ruħhom biex, fis-sena 2009, jiċċelebraw it-8 ċentinarju mill-fundazzjoni ta' l-Ordni. Kien fl-1209 li l-grupp tal-bidu ta' tnax l-aħwa immexxijin minn San Franġisk ippreżentaw ruħhom quddiem il-Papa Innoċenz III biex juruh il-proġett tagħhom ta' ħajja evanġelika.

Meta nagħmlu konfront bejn din it-talba ta' dawk l-ewwel aħwa u s-sitwazzjoni tal-Knisja fil-perjodu bejn it-tmiem tas-seklu 12 u l-bidu tas-seklu 13, aħna nintebħu bil-ħeġġa li kellu l-Papa Innoċenz biex jikkonferma bil-fomm il-proġett ta' Franġisku u ta' sħabu, iċċentrat fuq il-faqar evanġeliku. Ir-Regola definittiva kellha tiġi ikkonfermata biss fl-1223, mill-Papa Onorju III.

F'dan il-perjodu, il-movimenti lajkali iċċentrarti fuq il-faqar ta' Ġesù, ta' Ommu u ta' l-appostli, kienu numerużi fl-Italja u fi Franza. Dawn il-gruppi ta' irġiel u nisa, barra minn ħajja ta' faqar, kienu jiddefendu l-libertà li jaqraw l-Evanġelju, li jinterpretawh u li jippriedkawh lill-poplu. Bosta drabi huma kienu jkunu f'pożizzjoni ta' kontestazzjoni u ċaħda tal-Knisja uffiċjali. Dawn il-movimenti, f'perjodu li fih kienu evidenti l-iskandli fil-ġerarkija tal-Knisja, kienu jiġbdu lejhom is-simpatija u l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet lokali.

Il-proġett ippreżentat minn Franġisku lil Innoċenz III fl-1209 ma kienx jitbiegħed, fil-forma tiegħu, minn tant movimenti li kienu meqjusin bħala eretiċi mill-awtorità papali. Kellu preċedenti perikolużi u reċenti. Il-Valdiżi, li kienu oriġinarji ta' Lyon, kienu ġew approvati mill-Papa Alessandru III tletin sena qabel il-laqgħa ta' Franġisku ma' Innoċenz III, u fi ftit snin qamu kontra l-Knisja u ġew ikkundannati bħala eretiċi.

Fl-aħħarnett, grazzi għall-ispirtu ċar u għall-kuraġġ ta' Innoċenz III, Franġisk u sħabu kellhom il-proġett ta' ħajja tagħhom approvat mill-Knisja. Taw sehem f'dan ukoll il-Kardinal Giovanni di San Paolo u l-isqof Guido ta' Assisi. Din l-ewwel approvazzjoni bil-fomm titqjies bħala l-mument li fih twieled il-moviment Franġiskan. Kienet il-ġrajja li ippermettiet lill-fraternità biex issir fraternità kanonikament kostitwita, taħt it-tmexxija ta' Franġisku u l-awtorità tal-Papa.

Bejn dan il-mument ta' fundazzjoni (1209) u ftit tas-snin wara l-mewt tal-fundatur (1226), l-Ordni kien għadda minn tensjonijiet u tibdiliet profondi, l-aktar rigward l-osservanza tal-faqar, li kienet hekk għażiża għal Franġisku. It-tbegħid mill-idejal ta' faqar evanġeliku li Franġisku kien għex u li kien esprimih fir-Regola, seħħ flimkien ma' bidla mhux inqas ta' tħassib: il-proċess mgħaġġel ta' klerikalizzazzjoni ta' l-Ordni u t-tnaqqis drastiku ta' l-aħwa lajċi. Wara l-1239, sena li fiha ntemm il-ġeneralat ta' fra Elia, lill-aħwa lajċi ġie projbit li jassumu l-uffiċċju ta' gwardjani, vigarji, kustodji u ministri, hekk li nħolqot sitwazzjoni ta' diviżjoni fi ħdan l-Ordni, li għadha fil-fatt teżisti sallum, wara tmien sekli ta' storja Franġiskana. Hi problema li għandha prospettiva ta' soluzzjoni diffiċli, imma mhux impossibbli.

Il-kelma l-aktar adatta biex wieħed jiddeskrivi din ir-rejaltà hi diskriminazzjoni. Id-diskriminazzjoni, billi tmiss l-impediment li l-aħwa lajċi jaslu għas-servizz ta' gvern u autorità, illum issir aktar delikata, għaliex tista' tqanqal fl-ispirti l-aktar magħluqin is-suspett infondat ta' żball ta' valutazzjoni: li wieħed jara f'dan l-isforz impenn biex jingħata status aktar milli biex tiġi solvuta diskriminazzjoni vera.

### *Franġisku u l-ewwel aħwa lajċi u kjeriċi*

Fil-mument tal-konverżjoni tiegħu, Franġisku kien lajk u, bħala tali, flimkien mat-tnax il-sħabu, li fosthom kien hemm biss saċerdot wieħed, kien qala' mingħand Innoċenz III l-approvazzjoni tal-proġett ta' ħajja tiegħu. Diversament mill-movimenti "paupertistici" ta' żmienu, il-moviment li beda San Franġisk ma kienx kollu kemm hu lajkali. Sa mill-bidunett fi ħdan l-Ordni Franġiskan għexu flimkien kjeriċi u lajċi tal-klassijiet kollha tas-soċjetà, li kienu ġejjin minn kull tip ta' kundizzjoni soċjali, kulturali jew ekkleżjastika tal-kandidat. "Bosta nies nobbli u tal-poplu, kjeriċi u lajċi, imqanqlin minn ispirazzjoni divina, marru għand San Franġisk" (1C 37: FSF 234). Fil-prattika l-unika kundizzjoni biex wieħed jidħol fil-moviment Franġiskan kienet il-konverżjoni għall-Evanġelju.

Dawk kollha li kienu jiġu biex jidħlu fil-moviment mibdi minn Franġisku kienu jgħixu taħt proġett uniku ta' ħajja, li kien jintwera fl-isem li Franġisku għażel għall-familja tiegħu: "Ordo fratrum Minorum". Taħt dan it-titlu ta' "fratres" (aħwa) huma kienu jipproponu li jgħixu l-idejal tal-"minoritas" evanġelika. Li jgħixu bħala aħwa minuri kien ifisser li jgħixu fil-familjarità u fl-ugwaljanza, kemm fid-dimensjoni eżistenzjali kif ukoll f'dik tejoloġika u ġuridika. Il-Fonti Franġiskani jagħtuna eżempji li fihom, fl-attività ta' predikazzjoni u missjoni li għalihom kulħadd kien imsejjaħ, hemm orjentazzjoni komuni għal kjeriċi u lajċi.

F'din il-fraternità magħmula minn persuni ugwali, lkoll għandhom id-dritt u d-dmir li jeżerċitaw is-servizz li ma humiex marbutin mal-poter. Ir-Regola definittiva approvata fl-1223, meta titkellem dwar il-penitenza li għandha tingħata lill-aħwa li jidinbu, tgħid: "Il-ministri, imbagħad, jekk ikunu saċerdoti, għandhom jagħtuhom bil-karità kollha l-penitenza; jekk ma jkunux saċerdoti, għandhom jaraw li din tingħata minn saċerdot ta' l-Ordni" (RegB 7: FSF 152). Din is-silta ġiet approvata mill-Papa u sabet konferma fil-liġi ekkleżjastika ta' dak iż-żmien. Wara l-mewt ta' San Franġisk, fl-1226, tnejn mis-suċċessuri tiegħu kienu aħwa lajċi: Giovanni Parenti (1227-1232), li kien ġurista, u Elia t'Assisi (1232-1239).

Minkejja kollox, din is-sitwazzjoni inbidlet radikalment wara l-ġeneralat ta' Elia. Minħabba l-akkuża li hu kien mexxa l-Ordni bħala despota u li kien iffavorixxa l-lajċi mhux preparati u tahom f'idejhom awtorità kbira, Elia ġie depost minn ġeneral fl-1239. Kien f'dan il-kapitlu li kienu promulgati l-ewwel ġabriet ta' kostituzzjonijiet ġenerali li taw normi rigward l-organizzazzjoni interna ta' l-Ordni. Fl-istess ħin seħħet bidla fi ħdan l-Ordni, li sar dejjem aktar klerikali. Il-lajċi ġew emarġinati għas-servizzi domestiċi, u saħansitra ma setgħux ikollhom xogħol manwali barra mill-kunventi għall-għajxien tagħhom. Dan kollu irrestrinġa sew in-numru ta' aħwa lajċi li daħlu fl-Ordni.

Dan il-proċess ta' klerikalizzazzjoni li teskludi l-aħwa lajċi mis-servizz ta' gvern u, mbagħad, mill-istess Ordni, laħaq il-qofol tiegħu waqt il-ġeneralat ta' San Bonaventura, li fil-kostituzzjonijiet ta' Narbonne (1260), kiteb: "Alla ma sejħilniex biss għas-salvazzjoni tagħna, imma wkoll għall-edifikazzjoni ta' l-oħrajn, permezz ta' l-eżempju tal-ħajja, tal-pariri u tat-tħeġġiġ li jwassal għas-salvazzjoni. Għaldaqstant nordnaw li ma għandux jiġi milqugħ fl-Ordni tagħna ħlief dak li hu kjeriku kompetenti u mħarreġ fil-grammatika u fil-loġika, jew inkella jekk mhux kjeriku jew inkella lajk, wieħed ikun żgur li d-dħul tiegħu jkun ta' edifikazzjoni kbira għall-poplu u għall-kleru. Jekk ikun meħtieġ li nilqgħu li xi wħud minn dawn, biex jeżerċitaw l-uffiċċji domestiċi, ma għandniex nipproċedu jekk mhux f'każijiet urġenti u bl-awtorizzazzjoni espliċita tal-ministru ġeneral" (Const. Narb., rubrica I,3-4).

## *Is-sitwazzjoni illum*

Fil-klima tat-tiġdid mibdi mill-Konċilju Vatikan II, il-Kapitlu Ġenerali ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri li kien ġie ċelebrat f'Madrid fl-1973 kellu bħala tema "Il-Vokazzjoni ta' l-Ordni llum". Id-dikjarazzjoni finali ta' dan il-kapitlu reġgħet ittieħdet mill-Ordni biex tistimola r-riflessjoni ta' preparazzjoni għall-Kapitlu Ġenerali straordinarju ta' l-2006.

Id-dokument jersaq qrib it-tema li qed niddiskutu, imma ma jitkellimx dwaru b'mod miftuħ. "Il-fraternità tagħna trid tiltaqa' mal-bnedmin, li taħt il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, huma msejħin minn ambjenti soċjali u kulturali differenti, biex hekk hi toħloq bejniethom rabtiet ta' ħbiberija, rispett u aċċettazzjoni wieħed ta' l-ieħor … Fil-fraternità tagħna aħna lkoll aħwa, marbutin flimkien minkejja li aħna differenti, b'mod ħieles u korresponsabbli".

L-unika darba li fiha d-dokument jitkellem b'mod espliċitu mis-sitwazzjoni ta' l-aħwa lajċi hu meta jitratta t-tema tax-xogħol ta' l-aħwa li Franġisku jgħid li hu dmir ta' l-aħwa kollha. "Dan ix-xogħol kien okkażjoni biex fiha l-aħwa jiltaqgħu man-nies u kien ukoll mezz ta' evanġelizzazzjoni … Dan l-element ġdid ma baqax ħaj fl-iżvilupp ta' l-Ordni fl-inseriment gradwali tiegħu fl-iskemi tal-ħajja klerikali u monastika, hekk li tħalla f'idejn l-aħwa lajċi x-xogħol domestiku fil-kunventi".

Reċentement ir-rejaltà ta' l-Ordni Franġiskan bħala istitut klerikali, li fih hu projbit li l-lajċi jkollhom sehem fit-tmexxija, qiegħda tkun diskussa fi ħdan l-Ordni u wkoll fil-laqgħat tal-Konferenza tal-Ministri Ġenerali ta' l-I Ordni u Terz Ordni Regolari.

Fis-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar il-Ħajja Ikkonsagrata (1994), id-diversi interventi tal-ministri ġenerali kienu sinjal li urew li s-Santa Sede riedet issib soluzzjoni parzjali għal dan il-problema, bil-ħolqien ta' dawk li jissejħu "istituti mħalltin", jiġifieri istituti ta' natura lajkali u klerikali.

"Xi istituti reliġjużi, fil-proġett oriġinarju tal-fundatur tagħhom, jieħdu l-forma ta' fraternità li fi ħdanha l-membri kollha - saċerdoti u mhumiex - huma meqjusin ugwali bejniethom. Imma maż-żmien dawn l-istituti ħadu fiżjonomija oħra. Jaqbel li dan l-istituti, imsejħin 'imħalltin', jerġgħu jivvalutaw, billi japprofondixxu l-kariżma ta' fundazzjoni tagħhom, jekk hux iż-żmien li jerġgħu jirritornaw għall-kariżma oriġinali tagħhom" (Ġwanni Pawlu II, Eżortazzjoni Apostolika "Vita consacrata", 61).

Fuq il-bażi ta' din ir-riflessjoni, il-Kostituzzjonijiet Ġenerali OFM jaffermaw li "l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, imwaqqaf minn San Franġisk, hu Fraternità (KK.ĠĠ. 1,1)". L-aħwa kollha huma meqjusin verament li huma aħwa u hekk għandhom jissejħu, u għandhom dmirijiet u drittijiet ugwali, ukoll rigward dak li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju ta' gwardjan u ministru, ħlief li jibqa' sħiħ il-prinċipju li l-aħwa lajċi jridu jaqdu permezz ta' aħwa saċerdoti dawk l-atti li jitolbu minnhom infushom l-Ordni sagri.

Fl-1999 il-Kummissjoni maħtura mill-Konferenza tal-Ministri Ġenerali ta' l-I Ordni u Terz Ordni Regolari ħarġet id-dokument: "The Identity of the Order of Friars Minor at the moment of its Foundation", (*Acta Ordinis Fratrum Minorum*, 118 (1999), Fasc. II, 139-150; Fasc. III, 263-271).

Il-Kummissjoni ikkonkludiet billi qalet li "d-dħul ta' l-aħwa kollha fir-responsabiltajiet tal-*ministerium fratrum* fl-Ordni qatt ma kienet meqjusa bħala sempliċi rivendikazzjoni tad-drittijiet fuq livell uman jew bħala element strutturali jew soċjoloġiku; kienet ġiet proposta lis-sinjur Papa u l-aħwa kienu jgħixuha bħala konsegwenza doveruża ta' l-impostazzjoni evanġelika ta' l-identità tal-patrijiet minuri skond ir-rieda u l-intenzjoni tal-fundatur San Franġisk … Il-karigi u l-uffiċċji fl-Ordni, skond ir-rieda u l-intenzjoni ta' fundazzjoni ta' Franġisku, huma ugwalment aċċessibbli għall-aħwa kollha, indipendentement mill-istat tagħhom klerikali jew lajkali, sakemm dawn jiġi mogħtijin lil dawk li jixirqilhom jeżerċitawhom".

Finalment il-Kummissjoni tgħid li "hu possibbli naffermaw li l-Ordni Franġiskan, fil-mument tal-fundazzjoni tiegħu, kien 'de facto', istitut imħallat, fis-sens li kien realtà eżistenzjali u effettiva li fiha kienu jgħixu flimkien aħwa saċerdoti (kjeriċi) u aħwa mhux saċerdoti (lajċi)".

Minkejja dan, fir-relazzjoni mogħtija lill-Kapitlu Ġenerali ta' l-2003, il-Ministru Ġeneral li temm il-kariga tiegħu, Fr. Giacomo Bini OFM, għarraf lill-kapitulari li r-rikonoxximent ta' l-Ordni bħala istitut imħallat "ma għamel l-ebda pass 'il quddiem", u kien qiegħed joħloq frustrazzjoni biex wieħed jittraduċi fir-rejaltà d-dikjarazzjoni u d-deċiżjoni ta' Ġwanni Pawlu II fuq l-istituti mħalltin, "li tista' tippermettilna biex nakkwistaw b'mod sħiħ l-identità tagħna bħala Fraternità fuq il-bażi tal-kariżma ta' fundazzjoni ta' l-Ordni, ikkonfermat mill-Papa Onorju" (Relazzjoni ta' Giacomo Bini OFM lill-Kapitlu Ġenerali OFM ta' l-2003, 25).

### *Il-qagħda kritika ta' l-aħwa lajċi li tħassibna*

Fit-tħejjijiet għat-800 sena mit-twaqqif ta' l-Ordni wieħed jinnota l-vojt kbir li hemm fir-rigward tal-kwestjoni ta' l-istatus ta' l-aħwa lajċi. Jidher li hemm biża min-naħa tad-dikasterji kompetenti tal-Vatikan biex jiġu rikonoxxuti l-elementi neċessarji ta' "Ordni mħallat" li fihom twaqqaf l-Ordni tal-Patrijiet Minuri fl-1209.

Din il-biża, iżda, ma għandha l-ebda valur, jekk aħna nħarsu lejn l-istatistiċi. Illum il-ġurnata l-aħwa lajċi jikkostitwixxu biss it-18 fil-mija ta' l-aħwa kollha ta' l-Ordni. Ma hemmx prospettiva li dan il-perċentwali jista' jiżdied, għalkemm hemm provinċji fl-Ordni (bħal dik tal-Korea) fejn il-preżenza ta' l-aħwa lajċi hi numeruża. Ta' min jgħid ukoll li, fost dawn l-aħwa lajċi, mhux kollha huma preparati biex jieħdu f'idejhom uffiċċji ta' tmexxija u animazzjoni tal-fraternitajiet.

Hemm xi ministri provinċjali li, fil-kriterji ta' ammissjoni tal-kandidati, jippreferu lil dawk li jagħmlu l-għażla għall-ħajja klerikali u ma jagħtux kuraġġ lill-aħwa lajċi. Xi wħud iqisu l-istat ta' aħwa lajċi bħala sinjal ta' fraġilità fil-vokazzjoni, jew inkella, bħala vokazzjoni mhix kompluta. Dan kollu ma għandux iwassalna biex niskantaw jekk tant aħwa, inklużi aħwa lajċi, qed iħallu l-Ordni.

Min-naħa ta' l-aħwa lajċi deher f'dawn l-aħħar snin it-tentattiv biex "jikklerikalizzaw" ruħhom. Hekk insibu aħwa lajċi li, meta ma jilbsux it-tonka franġiskana, jilbsu l-kullar klerikali, li hu sinjal ta' appartenenza għall-kleru (djaknu, presbiteru jew isqof), u aħwa lajċi oħrajn li ħadu l-impenn ta' l-istudji filosofiċi u tejoloġiċi biex jaslu għall-ministeru ta' l-Ordni sagri.

Hekk, bejn silenzji u diskriminazzjonijiet, l-Ordni jkompli fit-tħejjijiet tiegħu għaċ-ċelebrazzjoni kbira tat-tmien ċentenarju mill-fundazzjoni. Fost dawn il-preparattivi kollha, iżda, jinħass nuqqas fost l-aħwa. Għalkemm fuq il-karta kulħadd jaqbel li l-Franġiskani irġiel huma lkoll ugwali fi ħdan il-kwadru ġuridiku attwali, fil-prattika wieħed għadu jinnota d-diskriminazzjoni li, fil-fatt, għadha teżisti fl-Ordni wara 800 sena ta' storja bejn aħwa kjeriċi u aħwa lajċi għal dak li għandu x'jaqsam ma' responsabilità ta' l-animazzjoni fraterna u l-identità u l-istatus ta' l-aħwa irrispettivament jekk humiex kjeriċi jew lajċi.

# AGNESE TA' PRAGA U L-PRIVILEĠĠ TAL-FAQAR (2)

Joan Mueller

### *L-Ittra "Cum relicta saeculi"*

Fl-ewwel parti ta' dan l-istudju rajna kif il-familja rjali tal-Boemja kienet tifhem l-intenzjoni ta' Agnese li tgħix mingħajr proprjetà. Il-Papa Girgor IX ma kienx ferħan bil-qagħda legali li Agnese kienet qed toħloq, jiġifieri li, filwaqt li hi tgħix fil-monasteru mwaqqaf minnha imma li kien proprjetà tal-familja rjali tal-Boemja, hi ma jkollha xejn li tista' ssejjaħlu tagħha. L-Ittra "Cum relicta saeculi" (18 ta' Mejju 1235) li bagħtilha Girgor IX ma ħalliet post għal ebda diskussjoni.

"Aħna iddeċidejna li l-Isptar ta' San Franġisk li jinsab maġenb il-monasteru tiegħek, u li int, bint u badessa, bnejt fuq art tal-Knisja Rumana, għandu jingħata lil dan il-monasteru u jiddependi minnu għal dejjem. Nordnaw ukoll li l-istess sptar bil-beni kollha tiegħu ma jistax ikun mifrud mill-monasteru bl-ebda mod. Id-dħul kollu tal-possedimenti tiegħu għandu jingħata għall-użu tiegħek u ta' dawk li jiġu warajk għal dejjem, skond l-awtorità tas-sede apostolika".

Din il-mossa tal-Papa marret kontra x-xewqat ta' Agnese għal diversi raġunijiet. Qabel xejn, Girgor IX ittrasferixxa l-proprjetà mill-isptar għall-monasteru. It-tieni, hu rabat legalment l-isptar mal-monasteru. It-tielet, hu kellu l-intenzjoni li jiggarantixxi mhux biss il-ħajja, imma l-prosperità kemm tal-monasteru kif ukoll ta' l-isptar.

Fil-25 ta' Lulju 1235, Girgor IX ħareġ il-Bulla "Prudentes virginibus" (Bullarium Franciscanum [BF] I,171-172), li biha iddikjara s-Sorijiet Foqra tal-monasteru ta' Praga bħala fundazzjoni tiegħu.

Girgor ried jieħu vantaġġ mill-għotja rjali, billi jiggarantixxi li l-monasteru ta' Agnese jkun xieraq lill-prinċipessa. Din l-għotja, li kienet oriġinarjament maħsuba għall-isptar, kienet tinkludi dħul mill-prodotti agrikoli, dwieli, siġar, annimali, drittijiet għall-użu ta' l-ilma, u skjavi.

L-iskop ta' Girgor IX kien ċar, jiġifieri dak li jwaqqaf monasteru fi Praga li jkollu beni stabbli biex jiġma l-ġid, mingħajr l-ebda obbligi ċivili jew

ekkleżjastiċi. Hu kien jittama li l-familja rjali tal-Boemja tikkopera biex tkompli tkabbar il-privileġġi tal-monasteru.

Agnese għaldaqstant appellat lil ħuha, ir-re Wenceslas I. Fl-ittra li kiteb lil Girgor IX, "Primum quidem excellentissime" (5 ta' Frar 1237), Wenceslas I iddefenda lil Agnese fil-fehma tagħha.

Billi ma xtaqx jitlef il-favur tar-re tal-Boemja, Girgor IX kiteb lill-"magister" ta' l-isptar ta' San Franġisk ta' Praga, fil-Bulla "Omnipotens Deus" (14 ta' April 1237), u qiegħed l-isptar taħt il-protezzjoni tas-sede apostolika. Ir-reliġjużi rġiel li kienu jmexxu l-isptar kellhom isegwu r-Regola ta' Santu Wistin, biex b'hekk huma setgħu jgħixu ħajja attiva u jagħnu lill-isptar bil-possedimenti li seta' jkollhom. U fil-Bulla "Vota devotorum Ecclesiae" (22 ta' April 1238), Girgor IX ħalla t-tmexxija ta' l-isptar ta' San Franġisk fi Praga f'idejn id-Dumnikani.

Girgor X ippubblika l-"Prudentes Virginibus" mill-ġdid fl-istess jum li ħareġ l-"Omnipotens Deus". Hemm differenzi importanti bejn il-verżjoni tal-25 ta' Lulju 1235 tal-"Prudentes Virginibus", u dik ta' l-14 ta' April 1237 (BF I,215-216). F'din ta' l-aħħar mhux biss tissemma r-Regola ta' San Benedittu, imma wkoll l-"Istitut tas-Sorijiet Klawstrali ta' San Damiano". Dan ifisser li l-fundazzjoni ta' Agnese intrabtet direttament mal-monasteru ta' Santa Klara.

"Qabel xejn, aħna nordnaw li l-Ordni monastiku, li nafu li twaqqaf f'dak il-post skond ir-rieda ta' Alla, għandu jħares b'mod li ma jinkisirx ir-Regola ta' San Benedittu u l-Istitut tas-Sorijiet Klawstrali ta' San Damiano".

Il-possedimenti tal-monasteru u sptar ma jissemmewx f'din it-tieni verżjoni, kif ma jissemma xejn dwar eżenzjoni minn taxxi. Billi l-monasteru ta' Agnese ma kellu l-ebda beni, dawn l-eżenzjonijiet ma kienx hemm aktar bżonnhom. L-isqof djoċesan jiġi mitlub jagħni lill-monasteru mhux għax kellu xi privileġġ, imma għax kien fqir.

Agnese hekk irnexxielha tipperswadi lil Girgor IX biex iħalli lill-monasteru tagħha jeżisti "bla proprjetà", bħal dak tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano f'Assisi. Fl-aħħarnett, fil-Bulla "Pia credulitate tenentes" tal-15 ta' April 1238 (BF I,236-237), Girgor IX jagħti lil Agnese l-Privileġġ tal-Faqar. Il-kliem jixbaħ dak tal-Bulla "Sicut manifestum est" mogħtija lil Klara:

"Marbutin mit-talb u tnehid tagħkom, aħna nagħtukom l-awtorità tad-dokument preżenti sabiex intom ma tkunux imġiegħlin li tirċievu proprjetà kontra r-rieda tagħkom fil-ġejjieni. Aħna nagħmlu dan billi irċevejna ċ-ċaħda ħielsa tagħkom ta' l-Isptar ta' San Franġisk fid-djoċesi ta' Praga, li kien ġie mogħti bid-drittijiet legali kollha tiegħu u bil-beni kollha lilkom, u permezz tagħkom u tal-monasteru tagħkom, lis-sede apostolika".

Girgor kien jaf li kien hemm kwestjoni oħra. Bħal Klara, Agnese riedet timxi wara r-Regola ta' San Franġisk u mhux wara dik ta' San Benedittu. Billi hu xtaq jevita konfront ieħor ma' Wenceslas I, Girgor ippubblika l-Bulla "De Conditoris omnium" fid-9 ta' Mejju 1238 (BF I,241-242), li fiha jirrikonoxxi li San Franġisk waqqaf tliet Ordnijiet, "l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, tas-Sorijiet Klawstrali, u tal-Penitenti".

### *L-Ittra "Angelis gaudium"*

Filwaqt li ikkonċeda li Franġisku kien, fil-fatt, ispira t-tliet Ordnijiet, Girgor IX, fil-Bulla "Angelis gaudium" tal-11 ta' Mejju 1238 (BF I,242-244), fil-fatt, ċaħad it-talba ta' Agnese biex tgħix skond ir-Regola ta' San Franġisk. F'din l-ittra, Girgor IX jinsisti li l-forma ta' ħajja li Franġisku ta lil Klara kienet ħalib tat-trabi. Bħala kuntrast, il-forma ta' ħajja li kien ta hu lill-Ordni ta' San Damiano meta kien għadu l-Kardinal Ugolino kienet tassew ikel solidu għall-ħajja reliġjuża.

Din in-nozzjoni li Franġisku kien jagħraf l-immaturità tas-Sorijiet Foqra u għaldaqstant tahom forma ta' ħajja li taqbel ma' dawk li mhumiex maturi fil-ħajja ta' perfezzjoni ma kienetx iddoqq xejn għal widnejn Klara, li inkludiet il-forma ta' ħajja li taha San Franġisk proprju fiċ-ċentru tar-Regola ta' l-1253:

"Il-missier qaddis imbagħad, x'ħin ra li aħna ma konna nibżgħu la mill-faqar, la mix-xogħol iebes, la mit-tbatija u la mill-umiljazzjoni jew tmaqdir tad-dinja, anzi li f'dan kollu konna nsibu hena kbir, imqanqal minn imħabba kbira ta' missier għalina, kitbilna għamla ta' ħajja" (RegCl 6,2).

Wara li Girgor iwarrab il-forma ta' ħajja li Franġisku ta lil Klara u lis-sorijiet, hu ċaħad it-talba ta' Agnese għal forma ta' ħajja li tkun mibnija fuq dik tar-Regola ta' San Franġisk, għal erba' raġunijiet. L-ewwelnett, Klara u s-sorijiet kienu ipprofessaw ir-Regola li kiteb il-Kardinal Ugolino, li kienet ġiet aċċettata minn San Franġisk u ikkonfermata mill-Papa Onorju. F'kelma oħra l-Papa jgħid li San Franġisk kien aċċetta l-forma ta' ħajja li Girgor kien ta lis-Sorijiet Foqra meta kien għadu Kardinal. Meta Onorju kien ta lis-Sorijiet ta' San Damiano l-permess li jgħixu bla proprjetà, hu kien tahom privileġġ ta' eżenzjoni. Il-monasteru ta' Agnese kien qed ikun meqjus bl-istess mod.

It-tieni raġuni kienet li Girgor IX ma setax jilqa' t-talba ta' Agnese għaliex "dawk in-nisa, meta warrbu l-formola ta' ħajja imsemmija, kienu

osservaw l-istess Regola (tal-Kardinal Ugolino) b'mod ta' min ifaħħru mill-jum tal-professjoni tagħhom sallum". Girgor IX ma setax jobbliga lis-sorijiet ta' l-Ordni tiegħu li jgħixu dak li ma ipprofessawx.

It-tielet raġuni kienet il-vera preokkupazzjoni ta' Girgor IX. B'din it-talba Agnese kienet thedded l-uniformità ta' l-Ordni. Billi talbet li tgħix bla ebda proprjetà skond ir-Regola ta' San Franġisk, Agnese kienet tistenna li l-Ordni tas-Sorijiet Foqra jkunu rikonoxxuti bħala Ordni separat minn dak li kien waqqaf il-Kardinal Ugolino.

Fl-aħħarnett, Girgor IX kien jimmaġina d-diżordni totali li kien jitnissel kieku kellu jagħti l-permess lil xi monasteri li jimxu wara l-kariżma tagħhom: "xi sorijiet ta' l-imsemmi Ordni jkunu jistgħu, Alla jħares qatt, jitħawwdu rigward l-osservanza tal-ħajja tagħhom, meta jintebħu li l-integrità tar-Regola ġiet vjolata b'dan il-mod".

Girgor IX kien iħossu frustrat mit-talbiet ripetuti ta' Agnese, kif ukoll mill-għajnuna li l-Ministru Ġeneral fra Elia kien qiegħed jagħti lis-sorijiet rigward dan.

## *Il-Bulla "Cum omnis vera religio"*

Flimkien ma' l-"Angelis gaudium", fil-11 ta' Mejju 1238, Girgor IX ħareġ il-Bulla "Cum omnis vera religio". Fiha hu jagħmilha ċara li s-sorijiet għandhom jimxu fuq ir-Regola ta' San Benedittu "f'dak kollu li ma jmurx kontra l-forma ta' ħajja mogħtija lilkom minna meta aħna konna għadna f'uffiċċju minuri".

Għalkemm Agnese kienet ikkomunikat lill-Papa li l-monasteru tagħha kien, fil-fatt, marbut ma' l-istess kariżma tal-Monasteru ta' San Damiano, Girgor IX kien qiegħed jirreferi mhux għall-monasteru ta' Agnese, imma għal dak ta' Klara.

Il-familja rjali tal-Boemja ċertament ma kienetx konvinta u lanqas impressjonata mill-kliem tal-Papa Girgor. F'dikjarazzjoni legali tas-17 ta' Diċembru 1239, "Quoniam generatio", Wenceslas I speċifikament semma li "oħtna Agnese taqdi lill-Mulej taħt ir-Regola ta' San Franġisk".

Agnese għarfet li l-Papa ma riedx jiċċaqlaq aktar minn fehemtu, u għalhekk stenniet. Fit-28 ta' Ġunju 1243, Innoċenz IV sar Papa u Agnese ħejjiet ruħha biex terġa' tibda n-negozjati. Agnese kienet bint spiritwali ta' Innoċenz IV. Fl-ittra tiegħu "Ex regali progenie" (1243), Innoċenz IV isejjaħ lil Agnese bħala "soru ta' l-Ordni ta' San Damiano", li hu l-istess isem li Girgor IX kien juża biex jirreferi għall-federazzjoni ta' nisa reliġjużi mwaqqfin minnu.

Agnese imbagħad kitbet lil Innoċenz IV biex turih in-nuqqas ta' kalma interjuri tagħha rigward il-fatt li s-sorijiet tal-monasteru tagħha ġew obbligati jħarsu r-Regola ta' San Benedittu. Innoċenz wieġeb lil Agnese bl-ittra "In Divini timore nominis" tat-13 ta' Novembru 1243 (BF I,315-317).

"Għal dan il-għan, inti tlabtna bl-umiltà kollha biex iż-żewġ frażijiet li jitkellmu dwar il-virtù ta' l-ubbidjenza u r-Regola ta' San Benedittu, jitneħħew mill-formola tal-ħajja tagħkom".

Fl-ittra tiegħu Innoċenz IV jirrepeti l-istess oġġezzjonijiet ta' Girgor IX għat-talba ta' Agnese. Imma t-ton ta' l-ittra hu differenti minn dak ta' l-"Angelis gaudium". Billi ma deherx tant imdejjaq mit-talbiet kontinwi ta' Klara u Agnese, u billi kien konxju li din il-kwestjoni kienet tqanqal taħwid fil-kuxjenza ta' xi sorijiet, Innoċenz jipprova tattika ġdida. Hu jispjega lil Agnese li l-frażijiet li hi tinsisti dwarhom kienu aktar ta' natura ġuridika li ma kellhom l-ebda impatt fuq il-ħajja reliġjuża tas-sorijiet.

"Iż-żjieda dwar ir-Regola ta' San Benedittu saret sabiex il-forma ta' ħajja reliġjuża tagħkom tidher li hi awtentika. L-ebda ħtieġa ma ġiet introdotta li, minħabba dawn il-kelmiet, intom obbligati li tosservaw din ir-Regola. Dan jidher ċar mill-fatt li l-predeċessur tagħna iddikjara fil-preżenza u fis-smiegħ tal-venerabbli ħuna l-Isqof ta' Ostia li din ir-Regola ma torbotx lis-sorijiet ta' l-Ordni tagħkom ħlief f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ubbidjenza, li tgħixu bla xejn tagħkom, u fil-kastità perpetwa".

F'Awissu 1244 il-Papa kien qed jirċievi pressjoni minn diversi elementi ta' l-Ordni ta' San Damiano. Fil-21 ta' Awissu 1244 hu ħareġ Ittra, "Cum universitati vestrae" (BF I,350) li bagħatha lill-badessi u s-sorijiet kollha ta' l-Ordni ta' San Damiano. Fiha hu ipprova jindirizza l-problema tal-frażi "Regola ta' San Benedittu". Innoċenz IV jirrepeti l-interpretazzjoni minimalista tiegħu u jħeġġeġ lis-sorijiet biex ma jibqgħux daqshekk imħassbin.

Meta kellu bżonn l-għajnuna ta' Agnese, Innoċenz IV isejjaħ lil Agnese bħala "l-bint l-aktar għażiża tagħna fi Kristu, ta' l-Ordni ta' San Damiano fi Praga". Fl-Ittra "Solet annuere" tat-13 ta' Novembru 1245 (BF I,394-399), Innoċenz IV mill-ġdid jafferma r-Regola ta' San Benedittu għall-Ordni ta' San Damiano. Din l-ittra qajjmet inkwiet kbir fost is-sorijiet, għaliex fis-6 ta' Awissu 1247, fl-Ittra "Cum omnis vera religio" (BF I,476-483) Innoċenz IV iċedi ftit mill-pożizzjoni tiegħu. Hu jbiddel l-espressjoni Regola ta' San Benedittu f'dik ta' Regola ta' San Franġisk, u jqiegħed lis-sorijiet taħt l-awtorità tal-ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri jew tal-provinċjali tal-Provinċji rispettivi tagħhom.

Innoċenz IV ma kien jara l-ebda kuntradizzjoni

bejn li s-sorijiet isegwu r-Regola ta' San Franġisk, u fl-istess ħin, ikollhom proprjetà in komuni.

"Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dan li qed ngħidu, intom għandkom il-permess li tirċievu, jew li jkollkom fil-komun, u li żżommu bil-libertà kollha prodotti u proprjetà. Kull monasteru ta' l-Ordni jista' jkollu prokuratur, li jkun prudenti kif ukoll ta' min jafdah biex jieħu ħsieb hu l-amministrazzjoni xierqa tal-proprjetà".

Fil-Bulla "Quoties a Nobis" tat-23 ta' Awissu 1247 (BF I,488), Innoċenz IV jirrivela l-motivazzjoni ġuridika tiegħu. "Raġuni importanti oħra kienet li kienu saru ħafna tipi differenti ta' dispensi rigward ir-Regola, bir-riżultat li jidher li hemm mhux professjoni waħda, imma ħafna".

Fl-Ordni ta' San Damiano kien hemm ukoll sorijiet li ma xtaqux li jaċċettaw ir-Regola ta' San Franġisk għax kienu jibżgħu li kienet tisħaq iżżejjed fuq il-faqar. Fis-6 ta' Ġunju 1250, fl-Ittra "Inter personas alias", mibgħuta lill-Kardinal ta' Ostia, Innoċenz IV jammetti li l-Ordni ta' San Damiano kien effettivament isegwi żewġ Regoli. Hu jitlob lill-Kardinal biex ma jobbligax lis-sorijiet li ma riedux jaċċettaw il-"Cum omnis vera Religio". Imma wkoll jekk kellu żewġ Regoli, il-Papa jkompli jirreferi għall-Ordni ta' San Damiano bħallikieku kien Ordni wieħed.

## *Ir-rebħa ta' Santa Klara rigward li s-sorijiet jgħixu bla xejn tagħhom*

F'xi żmien bejn l-1 u t-8 ta' Awissu 1253, Innoċenz IV żar lil Klara li kienet għoddha qed tmut f'San Damiano. Il-forma ta' ħajja ta' Innoċenz IV, għalkemm kienet tagħraf l-ispirazzjoni Franġiskana tas-Sorijiet ta' San Damiano, ma kienetx tammetti li dawn jgħixu "bla xejn tagħhom" bħala element ċentrali fil-vokazzjoni tagħhom. Billi kien jara li l-Ordni ta' San Damiano, fil-prattika, kien issa sar żewġ Ordnijiet, li waħda minnhom kienet timxi fuq ir-Regola ta' San Benedittu u l-oħra fuq ir-Regola ta' San Franġisk, il-Kardinal Legat, Rainaldo dei Conti di Segni, kien mimli ħeġġa biex jammetti distinzjoni u jifforma lil dawk il-monasteri marbutin ma' l-ispirtu ta' San Damiano fuq il-bażi kariżmatika u ġuridika partikulari tagħhom. Kemm fl-ittra ta' Innoċenz IV kif ukoll f'dik ta' Rainaldo dwar il-konferma tar-Regola ta' Klara, l-Ordni ta' San Damiano ma jissemmiex iżjed.

Ir-Regola ta' Klara titkellem b'mod ċar dwar il-proprjetà. Il-kandidata li tidħol fil-monasteru trid tbiegħ dak kollu li għandha u tqassmu lill-foqra (RegCl 2,8). Il-kapitlu 6 tar-Regola jikkwota l-forma ta' ħajja mogħtija minn San Franġisk, kif ukoll l-aħħar rieda li San Franġisk kien ta lis-Sorijiet ta' San Damiano, l-aktar dwar dak li għandu x'jaqsam mal-fatt li s-sorijiet ma jkollhom xejn la huma infushom u lanqas permezz ta' ħaddieħor (RegCl 6,12-15).

Il-Leġġenda ta' Sant'Agnese ta' Praga tafferma li Klara nnifisha kienet bagħtet lil Agnese kopja ta' din ir-Regola, li kienet ġiet ikkonfermata mill-Papa Innoċenz IV. Skond il-Leġġenda, Agnese irċeviet din ir-Regola b'devozzjoni kbira u riedet li tkun ikkonfermata għall-monasteru tagħha mill-Papa Alessandru IV. Sfortunatament il-Bulla tal-Papa Alessandru IV ma waslitx għandna.

## *Il-kwestjoni tal-faqar fi tmiem il-ħajja ta' Agnese ta' Praga*

Il-kwestjoni tal-proprjetà tal-Monasteru ta' San Franġisk fi Praga reġgħet saret problematika mill-ġdid fi żmien il-Papa Girgor X. It-Tieni Konċilju ta' Lyons (7 ta' Mejju - 7 ta' Lulju 1274) indirizza t-23 kostituzzjoni tiegħu lill-Ordnijiet reliġjużi, "Religionum diversitatem nimiam", u qiegħed il-monasteru ta' Agnese f'qagħda problematika.

"Il-konċilju ġenerali [Lateran IV, 1215] bi projbizzjoni meqjusa kien evita li jkun hemm numru eċċessiv ta' Ordnijiet reliġjużi, li ma jmurx dan kollu jwassal għal taħwid … Rigward dawk l-Ordnijiet, iżda, li ġew ikkonfermati mis-sede apostolika u ġew imwaqqfin wara l-konċilju, u li l-professjoni, ir-regola jew il-kostituzzjonijiet tagħhom jipprojbixxu li jkollhom dħul jew possedimenti għall-manteniment tagħhom, imma li jgħixu billi jittallbu l-karità mingħand in-nies, aħna niddikjaraw li huma jistgħu jibqgħu jeżistu b'dawn il-kundizzjonijiet. Il-membri professi ta' dawn l-Ordnijiet jistgħu jibqgħu jgħixu fihom jekk huma jridu li, mil-lum 'il quddiem, ma jammettu lil ħadd għall-professjoni, jew li jakkwistaw djar jew artijiet ġodda, u li ma għandhomx il-qawwa li jparrtu d-djar jew l-artijiet li għandhom, mingħajr permess speċjali mis-sede apostolika".

X'aktarx fi qbil ma' dan il-Konċilju, l-kardinal legat, Giovanni Caietani, kiteb lil Agnese u talabha biex tilqa' l-proprjetà minħabba l-ħażen taż-żminijiet. Il-Leġġenda ta' Agnese tagħtina t-tweġiba tal-qaddisa:

"Hi irreżistiet bi spirtu ta' kuraġġ, u kienet tippreferi li ma jkollha xejn tagħha, filwaqt li b'rieda sħiħa kienet taċċetta li tkun fil-bżonn u nieqsa minn kollox, aktar milli titbiegħed b'xi mod mill-faqar ta' Kristu, li sar għalina fqir".

Ma jidhrix li Agnese ċediet għat-talba tal-Kardinal. X'aktarx li hi kienet issostni li, billi l-Ordni tal-Patrijiet Minuri kien eżenti minn din il-kostituzzjoni msemmija, il-monasteru tagħha, li

kien jiddependi mir-Regola ta' San Franġisk, kien ukoll eżenti. Sa fis-sena 1390 l-kronista Franġiskan Bartolomeo Rinonico da Pisa jgħidilna li "sal-ġurnata tallum fil-belt ta' Praga fejn Agnese kienet soru, dawk is-sorijiet, għalkemm ġejjin minn familji nobbli u huma numerużi, ma għandhomx proprjetà u lanqas dħul, imma jgħixu bil-karità, li jittallbuha għalihom il-partijiet" (*Analecta Franciscana* IV, 358).

Fl-1274 il-kwestjoni tal-possedimenti tal-Monasteru ta' San Franġisk ta' Praga kienet waslet għal soluzzjoni. In-neputi ta' Agnese, Otakar II, kien re tal-Boemja, u minħabba d-dinjità kbira tal-familja rjali tiegħu, kien jittama li hu jkun magħżul imperatur. Girgor X ma għażlux, u ipprefera jagħżel lid-Duka Rodolfo ta' Habsburg. Dan daħal fi gwerra kontra Otakar II, li tilef l-għajnuna tan-nobbli tal-Boemja. Otakar innifsu miet fil-battalja fl-1278. It-telfa tiegħu ħalliet lill-Boemja bla re, u Rodolfo ħa vantaġġ mis-sitwazzjoni. Fis-snin 1279-1280 il-Boemja ġiet maħkuma minn għargħar u ġuħ, u l-aktar il-belt ta' Praga. Bosta mietu mill-ġuħ u l-mard. Il-Leġġenda tirrakkonta ħafna stejjer ta' faqar li Agnese u s-sorijiet tagħha sofrew flimkien mal-poplu tal-Beomja.

Agnese mietet fi Praga fit-2 ta' Marzu 1282. Matul il-ġimgħatejn li ġisimha tħalla fil-kappella tas-sorijiet wara l-grada tal-ħadid, il-foqra tal-belt ġew bi ħġarhom biex iżuru l-monasteru tagħha. Il-ministru ġeneral tal-Patrijiet Minuri, Bonagrazia di San Giovanni in Persiceto, li kien jinsab fi Praga biex iżur lill-patrijiet, iċċelebra l-funerali tagħha. Preċiżament minħabba l-insistenza tagħha biex tgħix il-vokazzjoni reliġjuża "mingħajr xejn tagħha", Agnese sabet ruħha, matul l-aħħar snin ta' ħajjitha, bħala l-uniku membru tal-familja rjali li kellha l-permess li tgħix fil-Boemja. Hi rat l-isptar tagħha jikber u jinfirex b'fundazzjonijiet ġodda, u hekk jipprovdi lill-foqra b'sistema eċċellenti ta' kura soċjali. Agnese kienet meqjusa minn bosta bħala bint fidila u vera li għexet skond il-viżjoni ta' faqar u kuraġġ tal-qaddisin Franġisk u Klara t'Assisi.

# SANTA ELIŻABETTA TA' L-UNGERIJA (1207-2007)

*Noel Muscat OFM*

Tħabbar uffiċjalment il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet tat-800 sena mit-twelid ta' Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija, Patruna ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Il-programm jġib it-titlu "Saint Elizabeth Franciscan Penitent", u ġie mfassal mill-Kummissjoni Interfranġiskana maħtura apposta għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

Kif soltu jsir f'okkażjonijiet bħal dawn, il-programm taċ-ċelebrazzjonijiet se jkopri sena sħiħa, mill-festa ta' Santa Eliżabetta, il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2006, sal-festa tas-sena 2007, li tfakkar it-8 ċentinarju mit-twelid tal-Qaddisa.

Iċ-ċelebrazzjonijiet se jiftħu l-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2006 b'Quddiesa mill-Kardinal Peter Erdo, Arċisqof ta' Estergom, u Primat ta' l-Ungerija, li fiha jikkonċelebraw l-4 Ministri Ġenerali ta' l-I Ordni Franġiskan u tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk. Il-Quddiesa se tkun iċċelebrata fil-Bażilika ta' San Kosma u San Damjan f'Ruma, fejn hemm il-Kurja Ġenerali tat-Tielet Ordni Regolari.

Il-konklużjoni tas-sena li tfakkar iċ-ċentinarju se ssir f'Assisi s-sena ta' wara. Fis-16 ta' Novembru 2007 se ssir Velja ta' Talb fil-Bażilika ta' Santa Maria degli Angeli (Porziuncola). Fis-17 ta' Novembru, fil-11 a.m., il-Ministri Ġenerali ta' l-Ordni Franġiskan se jmexxu Quddiesa fil-Bażilika ta' San Franġisk. Fl-istess Bażilika, fid-9 p.m. se jsir Kunċert minn Schola ġejja mill-Ungerija.

Barra dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, se jsir ukoll jum ta' studju dwar Santa Eliżabetta fl-Aula Magna ta' l-Università Pontificia Antonianum f'Ruma. Dan se jkun nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2007, u se jkun presjedut mill-istudjuż P. Lino Temperini TOR, Franġiskan tat-Tielet Ordni Regolari. Il-programm jinkludi diskors ta' merħba mir-Rettur ta' l-Università P. Johannes Baptist Freyer OFM. Wara jsir diskors minn Lori Pieper OFS (New York, USA) intitolat "Saint Elizabeth of Hungary as Franciscan Penitent in the 13th Century Sources". Diskors ieħor se jkun dak ta' Matthias Werner (Ġermanja): "Die Einfluß der Franziskaner auf die heiligen Elisabeth von Ungarn/Thuringen". Salvador Cabot TOR (Spanja) jitkellem dwar "Santa Elisabetta fondatrice di una comunità religiosa". Pasquale

Magro OFMConv (Assisi) jitkellem dwar "Memoria iconografica di Elisabetta, principessa e penitente, nella Basilica di San Francesco in Assisi". Pasquale Magro hu Franġiskan Malti, li hu espert ta' fama internazzjonali fl-ikonografija taċ-ċikli pittoriċi tal-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. Lino Temperini TOR (Roma) jitkellem dwar "Spiritualità penitenziale francescana nelle fonti elisabettiane del Duecento". Leonhard Lehmann OFMCap (Collegio S. Lorenzo da Brindisi, Roma), jitkellem dwar "L'Ordine della Penitenza di San Francesco in Turingia al tempo di Santa Elisabetta". Maria Pia Alberzoni (Milan) titkellem dwar "Santità matrimoniale in Santa Elizabetta d'Ungheria".

Inizjattivi oħrajn ta' xejra kulturali matul iċ-ċentinarju se jinkludu wirja ta' ikoni fil-kjostru tal-kunvent ta' San Kosma u San Damjan, maġenb il-Kolossew f'Ruma. Din il-wirja, li se tinfetaħ fl-24 ta' Frar, se tinkludi pitturi ta' ikoni ta' Santa Elizabetta, u hi organizzata u katalogata mill-Professoressa Maria Prokopp OFS. Il-wirja tkun miftuħa għall-pubbliku matul ix-xahar kollu ta' Marzu 2007.

Se tkun imħejjija edizzjoni tal-kitbiet storiċi rigward Santa Elizabetta li jmorru lura għas-seklu 13. Hu maħsub li t-traduzzjoni mill-oriġinal Latin issir bit-Taljan Spanjol u Ingliż.

Se jitħejja artiklu ta' żewġ paġni dwar Santa Elizabetta ta' l-Ungerija fuq l-"Osservatore Romano".

Hu maħsub li jkun organizzat pellegrinaġġ għall-post fejn ġiet kanonizzata Santa Elizabetta, jiġifieri l-knisja ta' San Franġisk f'Perugia.

Se jsiru restawri fuq pittura antika ta' Santa Elizabetta li għandha titqiegħed fuq altar fil-Bażilika ta' San Kosma u San Damjan f'Ruma.

Il-programm sħiħ ta' ċelebrazzjonijiet fuq skala internazzjonali ġie mħejji mill-Kummissjoni Internazzjonali magħmula minn Ilija Zivkovic, Ministru Ġeneral TOR; Encarnacion Del Pozo, Ministru Ġeneral OFS; Sr. Aniaia Schneider, President CIF-TOR; José Rodriguez Carballo, Ministru Ġeneral OFM; Joachim Giermek, Ministru Ġeneral OFMConv; John Corriveau, Ministru Ġeneral OFMCap; l-Eċċellenzi Tagħhom l-Ambaxxaturi tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika ta' l-Ungerija għas-Santa Sede; l-Isqof Laszlo Nemeth, Rettur ta' l-Istitut Pontifiċju Ekkleżjastiku ta' l-Ungerija; il-Professur Laszlo Csorba, Direttur ta' l-Akkademja Ungeriża f'Ruma; il-Mission Centrale ta' Bonn; Rosa Galimberti, Ministru Nazzjonali OFS ta' l-Italja; Balazs Paczolay, Ministru Nazzjonali OFS ta' l-Ungerija; u Michaela Lutter, Ministru Nazzjonali OFS tal-Ġermanja.



Il-figura ta' Santa Elizabetta ta' l-Ungerija (1207-1231) hi waħda importanti fl-istorja tat-Tielet Ordni Franġiskan. Għalkemm imwielda fl-Ungerija bħala prinċipessa, ta' żagħżugħa ingħatat fiż-żwieġ lil Ludwig IV tat-Turinġja, fil-Ġermanja, u għalhekk mhux l-ewwel darba li tissejjaħ ukoll Santa Elizabetta tat-Turinġja. Kienet omm ta' familja ta' tliet ulied u qassmet ġidha kollu lill-foqra tas-saltna tagħha. Meta miet żewġha waqt kruċjata, ġiet inġustament imkeċċija mill-kastell irjali tagħha flimkien ma' wliedha. Marret issib kenn f'Marburg, fejn iltaqgħet mal-Patrijiet Minuri u xorbot mill-ispiritwalità ta' San Franġisk. Qattgħet il-kumplament tal-ħajja qasira tagħha (mietet ta' biss 24 sena) f'ħajja ta' mara penitenti, u hi meqjusa bħala mudell ewlieni għall-penitenti Franġiskani, illum magħrufin bħala Franġiskani Sekulari.

Hu ittamat li ċ-ċelebrazzjoni tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' Santa Elizabetta tgħin lill-Franġiskani Sekulari jiġu aktar konxji mid-dinjità tal-vokazzjoni tagħhom fil-Knisja, bil-karatteristiċi tagħha ta' unità, sekularità u awtonomija. Illum il-ġurnata l-Ordni Franġiskan Sekular hu karatterizzat minn dawn it-tliet dimensjonijiet, għaliex hu Ordni wieħed taħt l-ubbidjenza ta' Ministru Ġeneral; hu awtonomu fit-tmexxija interna tiegħu, għalkemm jiddependi mill-assistenza spiritwali tal-Franġiskani irġiel ta' l-I Ordni u TOR; u hu Ordni ta' persuni sekulari, jiġifieri li jgħixu l-ħajja Franġiskana fid-dinja.

# IS-SORIJIET FRANĠISKANI: STORJA U SPIRITWALITA (7)

*Raffaele Pazzelli TOR*

L-elementi l-aktar karatteristiċi ta' l-istorja tas-Sorijiet Franġiskani matul is-seklu 16 huma prinċipalment tlieta: ir-Regola tal-Papa Ljun X (1521), il-liġijiet tal-Konċilju ta' Trento rigward il-klawsura, u l-kwestjoni dwar il-ġurisdizzjoni.

## *Ir-Regola ta' Ljun X (1521)*

Ir-Regola ta' Ljun X ġiet promulgata bil-Bulla "Inter coetera nostri regiminis" (20 ta' Jannar 1521).

Din ir-Regola ġiet miktuba fil-kuntest ta' riforma li kienet preżenti fil-Knisja fil-bidu tas-seklu 16, u fid-deċisjoni tal-Kurja Rumana li ġġib uniformità fil-movimenti maskili u femminili tat-Tielet Ordni Regolari.

Il-qagħda spiritwali fil-Knisja kienet għaddiet minn kriżi minħabba l-ispirtu ta' l-umaneżimu li kien iddomina fl-Italja u fl-Ewropa. Dan kien nissel element ta' sekolarizzazzjoni ukoll fl-ordnijiet reliġjużi.

Ir-rejazzjoni tal-Knisja għal dawn it-tendenzi dehret fil-Konċilju Lateran V (1512-1517), li kien sejjaħ għal riforma tal-Knisja, u wkoll ta' l-ordnijiet reliġjużi, inklużi dawk il-kongregazzjonijiet Franġiskani tat-Tielet Ordni.

Il-kongregazzjonijiet ta' patrijiet u sorijiet Franġiskani li kienu twieldu fis-seklu 15 la kienu jsegwu r-Regola tal-Patrijiet Minuri u lanqas dik ta' Santa Klara, imma pjuttost ir-Regola ta' Nicolò IV ta' l-1289. Imma kien jidher ċar li din ir-Regola kienet inkitbet prinċipalment għall-penitenti lajċi. Din ir-Regola ma ssemmi xejn dwar il-ħajja komunitarja, u lanqas dwar il-voti reliġjużi.

Bosta kongregazzjonijiet ta' patrijiet u sorijiet tat-Tielet Ordni Regolari ta' San Franġisk kellhom bżonn ta' Regola stabbli. Kien hemm ukoll ħtieġa ta' aktar uniformità bejn il-kongregazzjonijiet.

Kien għalhekk li Ljun X indirizza r-Regola tiegħu "lill-maħbubin uliedna patrijiet u sorijiet tat-Tielet Ordni ta' San Franġisk li jgħixu fid-diversi kongregazzjonijiet marbutin bit-tliet voti reliġjużi". Fil-"Breve" li tintroduċi r-Regola, l-Papa jgħid li, fit-Tielet Ordni, "taħt l-ispirazzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu daħlu mhux biss persuni miżżewġin, imma wkoll verġni li bnew monasteri li fihom iħarsu t-tliet voti essezjali tal-ħajja reliġjuża, u xi wħud minnhom iħarsu wkoll il-klawsura. Billi r-Regola ta' Nicolò IV fiha regolamenti li jaqblu għall-istat tal-miżżewġin, imma mhux għal dak ta' nies verġni jew ċelibi, bosta drabi dawn il-persuni ma setgħux jidħlu f'dan l-Ordni".

Ir-Regola hi maqsuma f'għaxar kapitli. Iżżomm dak li diġà ntqal fir-Regola ta' Nicolò IV, imma żżid li "l-patrijiet u s-sorijiet ta' din il-fraternità jgħixu ħajja ta' penitenza" u li huma jridu jitolbu irġiel reliġjużi biex jgħallmuhom it-triq tal-konverżjoni u l-eżerċizzju tal-virtujiet. Rigward il-klawsura din ir-Regola kienet tgħid li "l-klawsura hi obbligatorja kull fejn diġà hi mħarsa". Fil-każ ta' monasteri ġodda r-Regola tagħti l-permess li dawn ukoll jistgħu jagħżlu li jħaddnu l-klawsura, basta din ma ttellifx l-opri ta' ospitalità u ta' kura lejn il-morda.

Dan jurina li hu żball li wieħed jgħid li l-Knisja kienet diġà iddikjarat il-klawsura obbligatorja qabel il-Konċilju ta' Trento, u li l-voti solenni kienu jfissru li r-reliġjużi jridu jgħixu bilfors fil-klawsura. Sistu IV, bil-Bulla "Ad Christi Vicarii" ta' l-1480 kien iddikjara l-voti tal-patrijiet u s-sorijiet tat-Tielet Ordni bħala voti solenni. Imma r-Regola ta' Ljun X tafferma li l-klawsura kienet obbligatorja biss għal dawk il-kongregazzjonijiet li riedu jħarsuha.

Meta r-Regola titkellem dwar it-tmexxija jew ġurisdizzjoni hi tgħid li s-superjur ta' kull komunità lokali ta' patrijiet u sorijiet tat-Tielet Ordni kellu jkun ubbidjenti għal dak kollu li hu marbut ma' l-osservanza tar-Regola, lejn il-ministri provinċjali tal-Patrijiet Minuri, u lejn il-viżitaturi mibgħutin minnhom. Il-ministru provinċjal kellu jżur kull sena l-komunitajiet kollha ta' Franġiskani tat-Tielet Ordni li kienu jinsabu fit-territorju tal-ġurisdizzjoni tiegħu.

Ir-Regola ta' Ljun X ma ssemmix dawk il-kongregazzjonijiet ta' patrijiet u s-sorijiet tat-Tielet Ordni li kienu rċevew għarfien pontifiċju. Dan ir-rikonoxximent kien ifisser li huma kellhom id-dritt li jeleġġu ministru jew viżitatur ġenerali li kellu d-dritt li jżur lir-reliġjużi ta' dik il-kongregazzjoni b'mod kanoniku. B'daqshekk, iżda, wieħed ma jistax jgħid li r-Regola ta' Ljun X kellha l-iskop li tħassar dawn il-privileġġi li kienu diġà ingħataw.

Li ġara, iżda, kien li dawk il-kongregazzjonijiet ta' patrijiet u sorijiet li kellhom il-viżitatur jew il-ministru ġeneral tagħhom, bdew jaħsbu li r-Regola ta' Ljun X ma kienetx tgħodd għalihom. Kienu jqisu li din ir-Regola kienet miktuba biss għal dawk il-kongregazzjonijiet awtonomi li kienu jaqgħu taħt id-dipendenza tal-Patrijiet Minuri. Hekk din ir-Regola ma ġietx milqugħa mill-kongregazzjonijiet kollha tat-Terzjarji Regolari, u qajjmet polemika l-

aktar fit-tramuntana ta' l-Ewropa. Dawn ir-reliġjużi baqgħu jinsistu li jħarsu r-Regola ta' Nicolò IV, bl-għajnuna ta' l-istatuti partikolari tal-kongregazzjonijiet tagħhom.

### *Il-Konċilju ta' Trento u l-klawsura*

Il-Konċilju ta' Trento (1545-1563) kellu importanza kbira fl-istorja tal-kongregazzjonijiet ta' Sorijiet Franġiskani. Il-Konċilju ġie mniedi bl-iskop li jiġġieled kontra l-iżbalji ta' Luteru u tar-riformaturi Protestanti rigward id-duttrina Kattolika, u li jġib 'il quddiem ir-riforma tal-Knisja Kattolika.

Id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Konċilju kellhom x'jaqsmu mal-patrijiet u s-sorijiet Franġiskani b'diversi modi. Dwar is-sorijiet Franġiskani tat-Tielet Ordni l-aktar liġijiet importanti kellhom x'jaqsmu mal-klawsura.

Fil-25 sessjoni tal-Konċilju ġiet ippubblikata l-kostituzzjoni "De regularibus et monialibus" (3 ta' Diċembru 1563). Dan id-dokument jirreferi espliċitament għall-kostituzzjoni "Periculoso" ta' Bonifaċju VIII (1298) u jordna lill-isqfijiet kollha biex jerġgħu jaraw li jitħarsu l-liġijiet tal-klawsura fil-monasteri li kienu soġġetti għalihom.

Fost affarijiet oħrajn din il-kostituzzjoni tgħid: "Mhux leċitu għal ebda soru li toħroġ mill-monasteru wara l-professjoni lanqas għal perjodu qasir ta' żmien, jekk mhux bil-permess ta' l-isqof. Lanqas ma hu permess li persuna ta' kull età jew sess tidħol fil-monasteru jekk ma jkollhiex il-permess miktub ta' l-isqof jew tas-superjur, taħt piena ta' skomunika. Billi hemm monasteri ta' sorijiet li jinsabu barra l-bliet u huma esposti għal nies ħżiena, l-isqfijiet u s-superjuri l-oħrajn għandhom jieħdu ħsieb li jittrasferixxu lil dawn is-sorijiet f'monasteri qodma jew ġodda, wara l-ħitan tal-bliet".

### *Preskrizzjonijiet partikulari ta' Piju V dwar il-klawsura*

Xi tliet snin wara li ntemm il-Konċilju ta' Trento, l-Papa San Piju V ipprova jimplimenta r-regolamenti tal-kostituzzjoni "De regularibus et monialibus". Għal din ir-raġuni hu ħareġ kostituzzjoni ġdida msejħa "Circa pastoralis officii" (29 ta' Mejju 1566). Fiha iddikjara dan li ġej:

Is-sorijiet kollha li huma konversi ("conversae") jridu jibqgħu fil-monasteri taħt il-liġi tal-klawsura billi huma għamlu l-professjoni, ukoll jekk ir-Regola tagħhom ma tobbligahomx iħarsu l-klawsura, u jekk il-monasteri tagħhom sa minn dejjem qatt ma ħarsu l-klawsura.

L-ordinarji u s-superjuri maġġuri kellhom jikkastigaw lil dawk ir-reliġjużi li ma riedux joqogħdu għal din il-liġi dwar il-klawsura.

Dawk in-nisa li huma Penitenti jew Terzjarji li jgħixu f'kongregazzjoni ta' ħajja komuni, jekk jagħmlu l-professjoni solenni tal-klawsura, huma obbligati li jħarsu din il-liġi tal-klawsura b'mod sħiħ.


Il-Konċilju ta' Trento

Meta jinstabu kongregazzjonijiet li ma riedux jagħmlu l-professjoni tal-voti u jħarsu l-klawsura, dawn ma setgħux idaħħlu aktar novizzi fil-futur. Kull professjoni li ssir kontra dan l-ordni tiġi meqjusa bħala invalida u nulla.

Sabiex is-sorijiet tat-Tielet Ordni ma jonqsulhomx il-ħtiġijiet tal-ħajja, jiġi ordnat li l-ordinarji tagħhom jaħtru sorijiet lajċi li mhumiex professati biex jittallbu karità għalihom. Dawn in-nisa jrid ikollhom almenu erbgħin sena, u joqogħdu maġenb il-monasteru, u ma setgħux jidħlu fil-klawsura.

Jekk dan ma jkunx biżżejjed għall-għajxien tas-sorijiet, l-ordinarji kellhom jipprovdu l-għajnuna ta' persuni oħrajn ta' ħajja tajba. Sabiex il-ħajja regolari ma tkunx imtaqqla b'numru eċċessiv ta' reliġjużi, kull monasteru kellu jdaħħal biss numru limitat ta' sorijiet, li ma kellux jaqbeż in-numru ta' dawk li setgħu jiġu mantenuti bil-karità li l-monasteru kien jirċievi.

F'xi każi saħansitra kien jingħad li, jekk ir-reliġjużi jkunu diżubbidjenti għall-preskrizzjonijiet tal-liġi ekkleżjastika, wieħed seta' jirrikorri wkoll għall-qawwa tad-dixxiplina ta' l-awtoritajiet sekolari.

Dawn il-liġijiet kollha wasslu għall-istat ta' fatt li, wara l-Konċilju ta' Trento, is-sorijiet Franġiskani għaddew għall-istat ta' sorijiet tal-klawsura.

Ta' min jgħid ukoll li dawn il-preskrizzjonijiet dwar il-klawsura damu ma ddaħħlu f'bosta monasteri, minħabba li kien diffiċli li wieħed jagħlaq is-sorijiet kollha fil-klawsura. Biżżejjed ngħidu li, fil-bidu tas-seklu 17, fil-belt ta' Foligno kien hemm ħdax-il monasteru ta' sorijiet, li fihom kienu jgħixu 10 fil-mija tan-nisa kollha tal-belt! Dan juri wkoll il-preokkupazzjoni tal-Knisja għall-manteniment ta' dawn ir-reliġjużi nisa.

## *Il-kwestjoni dwar il-ġurisdizzjoni*

Wara l-Konċilju ta' Trento baqgħet problema taħraq fir-relazzjoni bejn il-Franġiskani Osservanti u t-Tielet Ordni Regolari u Sekulari. Kemm il-patrijiet tat-Tielet Ordni Regolari kif ukoll it-Terzjarji Penitenti lajċi kienu jistaqsu jekk il-Patrijiet Minuri kellhomx id-dritt li jiggvernawhom u jaħtru fuqhom il-viżitaturi, meta huma kellhom il-ministri ġenerali u provinċjali tagħhom.

Il-Papa Ewġenju IV, fil-bulla "Ordinis tui" (1447) kien saħaq dwar id-dritt tal-Patrijiet Minuri li jkollhom ġurisdizzjoni fuq is-sorijiet Franġiskani. Imma l-problema kienet baqgħet, l-aktar ghax il-papiet mhux dejjem kien jagħmlu distinzjoni bejn it-Tielet Ordni Regolari u t-Tielet Ordni Sekulari.

Il-papiet, ukoll fis-seklu 16, kienu baqgħu jaffermaw id-dritt tal-viżitazzjoni u l-korrezzjoni tat-Terzjarji Sekulari min-naħa tal-Patrijiet Minuri. Id-dokumenti "Exponi nobis fecistis" ta' Ġulju II (15 ta' Ottubru 1507 u 7 ta' Jannar 1509) jitkellmu dwar it-Tielet Ordni Sekulari, u jgħidu li l-ministri u l-aħwa Terzjarji kellhom jibqgħu taħt l-ubbidjenza u l-korrezzjoni tal-Patrijiet Minuri.

Rigward il-kongregazzjonijiet tat-Tielet Ordni Regolari li kellhom approvazzjoni pontifiċja, insibu żewġ bulli importanti li jixhdu għall-privileġġ ta' eżenzjoni li kellhom mit-tmexxija tal-Patrijiet Minuri.

Il-bulla "Romani pontificis" ta' Ġulju II (8 ta' Frar 1508) titkellem dwar it-Tielet Ordni Regolari maskili fl-Italja. Il-Papa jgħid li l-preskrizzjonijiet ta' ġurisdizzjoni min-naħa tal-Patrijiet Minuri ma kellhomx imissu l-Patrijiet tal-Penitenza tal-Congregazione Lombarda, li kellhom id-dritt li jkollhom bħala viżitatur ġenerali patri mill-kongregazzjoni tagħhom stess.

Il-Papa Klement VII ippubblika l-bulla "Ad uberes fructus" (10 ta' Marzu 1527) rigward it-Tielet Ordni Regolari Franġiskan fi Spanja. Hu jiddikjara li l-patrijiet tat-Tielet Ordni Regolari f'Castille, Leon, Galicia u Andalusia kellhom il-privileġġ ta' l-eżenzjoni mill-ġurisdizzjoni tal-Patrijiet Minuri u kienu jgawdu l-privileġġi kollha ta' l-Ordnijiet Mendikanti. Isemmi l-każ tal-Patrijiet Terzjarji Regolari ta' Compostella, li qatt ma kienu suġġetti għall-Patrijiet Minuri. Il-Papa jagħti lill-patrijiet tat-Tielet Ordni Regolari d-dritt li jiċċelebraw kapitli u jkollhom il-ministri u d-definituri tagħhom, li setgħu jittrasferixxu s-sorijiet tat-Tielet Ordni minn dar għal oħra. Fuq kollox jiddikjara li l-patrijiet u s-sorijiet u l-eremiti tat-Tielet Ordni Regolari kienu reliġjużi f'sens sħiħ li jgħixu fil-komunità.

Il-gwerra ħraxet fi Spanja, hekk li l-Patrijiet Minuri irnexxielhom li jġibu s-soppressjoni tat-Tielet Ordni Regolari. Fis-16 ta' Awissu 1567, Piju V iddikjara s-soppressjoni tat-Terzjarji Regolari fi Spanja, u qalilhom isiru Patrijiet Minuri. Ma setgħux ikollhom viżitatur ġenerali tagħhom, u kull komunità tat-Tielet Ordni Regolari ġiet imqiegħda taħt l-ubbidjenza tal-ministri ġenerali u provinċjali ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri ta' l-Osservanza Regolari.

Mill-kongregazzjonijiet kollha tat-Tielet Ordni Regolari, dik li baqgħet iżżomm l-awtonomija tagħha kienet dik tal-Congregazione Lombarda fl-Italja. Il-Papa Franġiskan Konventwal Sistu V, bil-bulla "Romani pontificis providentia" (29 ta' Marzu 1586) tahom id-dritt li jkollhom il-ministru ġeneral tagħhom. Minn dak il-mument it-Tielet Ordni Regolari maskili sar għal kollox awtonomu.

# «CON LUCIDITÀ E AUDACIA»

*José Rodriguez Carballo OFM*

Il-Ministru Ġeneral tal-Patrijiet Minuri, José Rodriguez Carballo OFM, ippubblika r-relazzjoni li se jagħti lill-Kapitlu Ġenerali Straordinarju ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, li se jiltaqa' f'La Verna u Santa Maria degli Angeli, Assisi, mill-14 ta' Settembru sa l-1 ta' Ottubru 2006. It-tema tar-relazzjoni tal-Ministru Ġeneral hu: «Con Lucidità e Audacia».

Id-dokument ta' 172 paġna hu voluminuż. Nistgħu inħarsu lejh bħala kompendju tad-dokumenti ewlenin tal-Knisja u ta' l-Ordni Franġiskan dwar il-ħajja ikkonsagrata, li inkitbu f'dawn l-aħħar 40 sena. Diversi drabi l-Ministru Ġeneral jagħmel riferiment għal dokumenti importanti tal-Maġisteru tal-Knisja dwar ir-reliġjużi, bħalma huma l-«Evangelii Nuntiandi», «Ecclesiam Suam», «Ecclesiae Sanctae» u «Evangelica Testificatio» ta' Pawlu VI, u l-«Vita Consecrata», «Potissimum Institutioni», «Novo Millennio Ineunte» u «Ripartire da Cristo» ta' Ġwanni Pawlu II, kif ukoll l-enċiklika «Deus Caritas est» ta' Benedittu XVI.

Id-dokumenti ta' l-Ordni jinkludu dawk li ħarġu mill-Kapitli Ġenerali u l-Kunsilli Plenarji sa mill-1973, u b'mod partikulari d-dokument finali tal-Kapitlu ta' l-2003, «Il Signore ti dia pace».

Ir-relazzjoni tal-Ministru Ġeneral hi maqsuma fi tliet partijiet ewlenin. L-ewwel parti hi intitolata «Fare memoria grata del passato». Fiha l-Ministru juri kif aħna l-Franġiskani bid-dritt kollu għandna nħossuna bħala kustodji tal-memorja tal-passat u ta' l-istorja glorjuża tagħna. Imma fl-istess ħin, dan ifisser li għandna nħarsu lejn l-imgħoddi biex nikbru fil-ġejjieni, u mhux biex nitpaxxew b'dak li kisbu ta' qabilna mingħajr ma nagħtu s-sehem tagħna.

Hu għalhekk li, fit-tieni taqsima, l-Ministru jitkellem fit-titlu «Vivere con passione il presente». Din hi l-parti ewlenija u ċentrali tal-preżentazzjoni tiegħu. F'din it-taqsima l-Ministru jerġa, għal darba oħra, jagħmel analiżi tal-ħames prijoritajiet ta' l-Ordni, jiġifieri (1) l-ispirtu tat-talb u d-devozzjoni, (2) il-ħajja fraterna fil-komunità, (3) il-minorità, il-faqar u s-solidarjetà, (4) l-evanġelizzazzjoni u l-missjoni, u (5) il-formazzjoni permanenti u inizjali. Kull waħda minn dawn l-aspetti l-Ministru jħares lejha fid-dawl ta' tliet elementi, li hu jsejħilhom: (1) sinjali ta' ħajja, (2) sejħa għall-konverżjoni, u (3) nimxu 'l quddiem mit-tajjeb għall-aħjar.

Fit-tielet u l-aħħar taqsima r-relazzjoni għandha t-titlu: «Aprirci al futuro con fiducia». B'sens kbir ta' ottimiżmu u t-tama l-Ministru juri kif il-mument storiku li qed ngħixu hu mument ta' grazzja, biex nagħrfu l-bżonn li nagħmlu dixxerniment, li nħobbu u nagħtu xhieda, li nagħmlu mistoqsijiet u nsibu tweġibiet, li nħossuna mimlijin bi spirtu ta' ħelsien, li ngħixu f'komunjoni fraterna, li nikkollaboraw flimkien, li nagħmlu ristrutturazzjoni tagħna nfusna, li nintegraw il-vokazzjoni tagħna, u li nikkonsolidaw it-tajjeb li għandna.

Il-konklużjoni tad-dokument tieħu l-ispunt mill-kliem li Ġwanni Pawlu II uża fil-bidu tal-millennju l-ġdid: «Duc in altum».

In-nisġa tar-relazzjoni, għalkemm twila u profonda, tħalli spazju għal riflessjoni profonda li wieħed imsejjaħ li jagħmel. Fil-fatt, ir-relazzjoni ma toffrix xi programm ċar u determinat ta' azzjoni partikulari jew xi proġetti konkreti li l-Ordni msejjaħ li jieħu fuq spallejh. Hi pjuttost stedina biex il-Franġiskani jieqfu jagħmlu riflessjoni serja dwar is-sens tal-ħajja u l-vokazzjoni evanġelika tagħhom, bla biża' mill-futur, bil-kuraġġ kollu fil-preżent, u mingħajr nostalġija li tħallihom ankrati fil-passat ta' dak li dejjem sar, imma li issa spiċċa żmienu.

Wieħed mill-merti kbar tar-relazzjoni tal-Ministru Ġeneral hu dak li tagħti dehra panoramika tar-rejaltà numerika ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, li tant qegħda tħassibna f'dawn l-aħħar snin. Inġibu l-analiżi tal-Ministru Ġeneral b'mod sħiħ.

Fin-numru 106 il-Ministu Ġeneral jikteb hekk: «Nell'anno 1973 eravamo 22.888. Al chiudersi dell'anno 2004 eravamo ufficialmente 16.493. In 31 anni siamo diminuiti di 6.935, cioè del 27,94%, il che suppone una diminuzione media di 206 Frati all'anno. Questa diminuzione è significativa soprattutto nel gruppo di Frati con opzione laicale. Nel 1973 questi Frati erano 3,985, nel 2004 erano 2.283: la diminuzione dei Frati laici è stata, quindi, del 42,74%. Il gruppo di Frati presbiteri, nello stesso periodo di tempo, è diminuito del 32,34%, passando da 15.605 a 10.559.

Questa diminuzione, d'altra parte, è facilmente prevedibile che continuerà nei prossimi anni, a causa dell'innalzarsi dell'età media dei Frati. Non ho i dati del 1973, ma alla fine del 2004 l'età media era di 56,52 anni: 7.365 Frati tra i 18 e i 55 anni, il 48,06% del totale, e 7.961 dai 56 in su, che rappresentano il 51,94%. Per questi periodi ci sono 22 Entità con una media superiore ai 65 anni, delle quali 8 con un'età media superiore ai 70 anni. Questo porta a dire che nei prossimi anni, 'sora nos-

tra morte corporale' continuerà a prendere con sé un numero considerevole di Frati».

Minn din l-analiżi jidher ċar li ċ-ċifri jitkellmu minn diminuzzjoni numerika konsiderevoli ta' patrijiet f'dawn l-aħħar 40 sena. Għaldaqstant hu importanti li wieħed jagħmel analiżi serja tas-sitwazzjoni.

Jidher ċar li l-akbar diminuzzjoni hi dik fil-pajjiżi ta' l-oċċident, jiġifieri fl-USA, Canada u Ewropa. F'dawn il-postijiet hemm proċess ta' diminuzzjoni qawwija, li magħha wieħed irid iżid nuqqas ta' vokazzjonijiet u etajiet dejjem aktar anzjani. Malta hi waħda minn dawn il-Provinċji ta' l-Ordni. Mill-1970 sallum mietu 53 patri, li meta tgħoddhom issib li ftit huma inqas min-numru ta' patrijiet li llum huma membri tal-Provinċja, jiġifieri 72. Pajjiżi bħal Franza u l-Belġju, li fihom kien hemm 6 provinċji, illum għandhom 2 provinċji. L-4 provinċji tal-Ġermanja se jingħaqdu dalwaqt fi provinċja waħda. Spanja, li għandha 9 provinċji, din is-sena kellha biss 2 novizzi, jiġifieri ferm inqas minn novizz għal kull provinċja. L-Italja, li fiha 19 provinċji, hi l-aħjar pajjiż fin-numru ta' patrijiet, imma hemm differenzi bejn provinċji b'numru tajjeb ta' patrijiet (Umbria, Veneto, Sqallija) u oħrajn li qegħin imutu (Benevento, Calabria, Sardegna, Abbruzzi, Piemonte). Fl-Ewropa tal-lvant għad hemm provinċji b'ħafna vokazzjonijiet, fosthom l-4 provinċji tal-Polonja u dawk il-provinċji tal-Kroazja u Bosnia-Herzegovina. Imma anke hawnhekk wieħed jinnota l-effett tas-sekolarizzazzjoni li ġabet magħha l-Unjoni Ewropea li fiha, per eżempju, daħlet il-Polonja, fejn jidher li l-futur mhux se jkun daqshekk sabiħ bħal qabel.

Fl-Amerika Latina, l-Afrika u l-Asja Orjentali, l-Ordni tal-Patrijiet Minuri jirreġistra l-aktar numru ta' żjidiet fil-vokazzjonijiet. Imma anke f'dawn il-postijiet hemm problemi kbar. Fl-Afrika, per eżempju, l-Ordni żviluppa ħafna sa mill-1980, imma numru kbir ta' vokazzjonijiet ukoll ħallew l-Ordni, minħabba nuqqas ta' strateġiji għaqlin ta' formazzjoni u inkulturazzjoni. Waħda mill-akbar problemi dwar ċifri hi l-fatt li, għalkemm l-Ordni għadu jirċievi numru tajjeb ta' novizzi kull sena, kważi nofshom iħallu l-Ordni fl-istess sena tan-novizzjat. F'kelma oħra, in-numru elevat ta' novizzi ma jfissirx li, fil-fatt, dawn jipperseveraw kollha, u hekk l-Ordni jibqa' ma jikbirx.

Ċertament, kif juri Carballo, mhix il-kwantità ta' patrijiet li tgħodd, daqskemm il-kwalità. Dan il-prinċipju, li lkoll naqblu miegħu, iżda, ma għandux idaħħalna fit-tentazzjoni li ma naħdmux biex l-Ordni jikber u li ma nagħmlux eżami serju tal-kuxjenza dwar ir-raġunijiet veri għaliex l-Ordni mhux qed ikollu vokazzjonijiet. Għax bosta drabi aħna nilludu ruħna li n-nuqqas ta' vokazzjonijiet hu kollu ħtija tal-fatt li l-familji huma numerikament żgħar, li s-sekolarizzazzjoni tal-pajjiżi tal-punent ittellef il-vokazzjonijiet għall-ħajja reliġjuża, li ż-żgħażagħ illum jibżgħu minn "commitment" jew rabta li ttul għal ħajjithom kollha. Dawn il-fatturi jistgħu kollha jkunu veri, imma forsi jaqbel ukoll li nitħassbu dwar il-mod kif aħna qed nagħtu xhieda tal-ħajja Franġiskana, u dwar kemm din hi effettiva biex tiġbed oħrajn għal magħna.

Wieħed mill-elementi li għandu jħassibna serjament hu l-fatt li l-Ordni qed jirreġistra kriżi fil-preparazzjoni akkademika u professjonali tal-membri tiegħu. Ta' min jistaqsi, għaliex żgħażagħ bi preparazzjoni akkademika serja, m'għadhomx jiġu hekk bi ħġarhom fil-ħajja reliġjuża, filwaqt li hu aktar faċli li jidħlu magħna persuni li ma għandhomx preparazzjoni professjonali. Dan mhux biex innaqqsu s-sbuħija tas-«simplicitas» tal-ħajja Franġiskana, imma tajjeb li nifhmu li l-ewwel patrijiet, għalkemm kienu sempliċi u foqra, mhux l-ewwel darba li kienu jieħdu l-istudju b'impenn serju.

Dawn huma ftit mill-fatturi li l-Ministri Provinċjali, miġburin għall-Kapitlu Ġenerali Straordinarju li se jsir fuq La Verna u f'Santa Maria degli Angeli, sejrin jiddiskutu u jirriflettu fuqhom.

Fost it-temi li se jikkaratterizzaw il-laqgħat tal-Kapitlu Ġenerali ta' min isemmi dawn li ġejjin: (1) l-Evanġelju u l-fidi; (2) id-djalogu; (3) ir-Regola Franġiskana llum; (4) il-vokazzjoni Franġiskana; (5) il-fraternità; (6) il-missjoni.

Fi tmiem il-Kapitlu Ġenerali se jiġi ippreżentat dokument finali lill-Ordni kollu bħala riżultat tar-riflessjonijiet tal-Ministru Ġeneral u tal-Provinċjali.

Dan il-Kapitlu Ġenerali Straordinarju se jieħu post il-Kunsill Plenarju ta' l-Ordni, li f'dawn l-aħħar snin kien qed jiġi ċelebrat darba kull 3 snin bejn il-Kapitli Ġenerali ordinarji. Id-deċiżjoni li jiġi iċċelebrat Kapitlu Straordinarju ittieħdet fl-aħħar Kapitlu Ġenerali ta' l-2003, bl-iskop li dan ikun parti mit-tħejjijiet għas-sena 2009, li fiha l-Ordni jiċċelebra t-800 anniversarju mill-fundazzjoni tiegħu.

## *«Leġġenda» dwar San Bonaventura: Sar Kardinal hu u jaħsel il-platti. Vera?*

Hemm fatt kurjuż li nsibuh rakkontat mill-istoriku Franġiskan Luke Wadding fl-*Annales Minorum*, vol. IV, ad annum 1273, XIII, 381-382:

«[Bonaventura] kien kalm u trankwill fir-ruħ tiegħu, u kien kuntent li jkun umli, hekk li ma kienx jixxennaq għall-unuri ... Bil-mod umli tiegħu tas-soltu, flimkien mal-patrijiet l-oħrajn ta' dan il-kunvent [Albano] kien qiegħed jaħsel u jixxotta l-platti u l-borom wara l-ikel, meta l-Legati Pontifiċji waslu fil-post biex iħabbrulu li hu kien ġie maħtur Kardinal. Hu lanqas biss wera l-ebda rejazzjoni, u talab lil-Legati biex jistennew sakemm hu jtemm il-ħasil li kien qed jagħmel b'idejh; sadanittant talabhom biex il-kappell kardinalizju jħalluh imdendel ma' xi fergħa tal-ħafna siġar li kien hemm. U mimli bis-sens umli ta' l-uffiċċju kbir tiegħu, qal lill-aħwa: "Wara aħna l-Patrijiet Minuri naqdu d-dmirijiet tagħna, nintebħu li huma iebsin ħafna: hi ħaġa tajba u ta' salvazzjoni għalikom, l-aħwa, li temmnu li aktar ma tkun kbira d-dinjità li tirċievu, aktar tkun tqila u perikoluża'. U wara li mar jieħu l-berettin li semmejna, mar jilqa' bl-unuri kollha lin-Nunzji li kien bgħatlu l-Papa».

Din hi storja li hi popolari fiċ-ċirkoli tal-kunventi Franġiskani, biex tgħallem kemm kien umli l-Isqof San Bonaventura, Duttur tal-Knisja (1217-1274), li l-festa tiegħu hi ċelebrata fil-15 ta' Lulju. Hu kien sar isqof u kardinal ta' Albano fl-1273, sena qabel miet, bl-iskop li jħejji t-triq għall-Konċilju ta' Lyons. Dik il-ħabta kien Ministru Ġeneral ta' l-Ordni.

Wadding ma jgħidilniex minn fejn ġab din l-informazzjoni, u għalhekk ma jista' jkollna l-ebda prova dwar il-valur storiku tagħha. Li nafu żgur hu li Bonaventura kien sar kardinal sena qabel miet. Jekk dan il-fatt ġarax jew le ma nafux, imma żgur li l-iskop ta' Luke Wadding kien dak li juri kemm kien umli dan il-bniedem qaddis u għaref.

Ma nistagħġbux, iżda, li Bonaventura kien jaħsel il-platti. Wara kollox, ir-Regola Franġiskana li hu ikkummenta matul ħajtu, fil-kapitlu 5 titkellem dwar ix-xogħol, u ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-patrijiet rigward id-dmir li kollha jaħdmu b'idejhom. Fil-fatt, il-verb «laborent» jfisser xogħol ta' l-id, u mhux xogħol tal-moħħ.

Hekk il-leġġenda jew storja ta' Bonaventura li jaħsel il-platt u jitlob lil-Legati tal-Papa jdendlu l-berrettin kardinalizju ma' fergħa ta' siġra, jista' jkollha bażi storika meta naqrawha fid-dawl ta' dak li San Franġisk kien xtaq mill-patrijiet tiegħu, u l-aktar mill-Ministru Ġeneral li hu «qaddej ta' din ix-xirka kollha ta' aħwa».

# KOTBA:

## *Pubblikazzjonijiet tal-Franciscan Institute*

Il-katalogu tal-Franciscan Institute Publications ta' Saint Bonaventure University, NY, għas-sena 2006 jagħti indikazzjonijiet interessanti ta' pubblikazzjonijiet ġodda li dalwaqt ikunu għall-bejgħ.

ROBERT J. KARRIS OFM, *Saint Bonaventure's Commentary on The Gospel of John*. Dan il-volum se jagħmel parti mill-Bonaventure Texts in Translation Series. Diġà ġew pubblikati diversi opri tad-Duttur Serafiku fit-traduzzjoni Ingliża mill-edizzjoni oriġinali Latina ta' Quaracchi. Robert Karris għadu kemm tana tliet volumi li fihom ġabar il-"Commentarius in Evangelium Lucae" ta' San Bonaventura. Hu kummentarju li d-Duttur Serafiku kien ippreżenta biex sar "baccalarius biblicus" fl-Università ta' Pariġi. F'dan il-kummentarju Bonaventura jsemmi wkoll lil San Franġisk, bħala eżempju biex jispjega s-silta ta' Lq 9,23 dwar id-dixxiplu li jrid jimxi wara Kristu billi ta' kuljum iġorr fuqu s-salib tiegħu. Dan li jmiss hu l-"Commentarius in Evangelium Iohannis", li bih Karris ikun ittraduċa ż-żewġ opri ewlenin ta' karattru bibliku ta' Bonaventura.

DOMINIC MONTI OFM, *The Breviloquium*. Din l-opra, kif jgħid isimha, hi kompendju ta' tejoloġija. Hi "summa" stupenda ta' tejoloġija li, għalkemm ma għandhiex il-voluminożità tas-"Summa Theologica" ta' San Tumas d'Aquino, hi manwal interessanti ħafna ta' tejoloġija. Jidher li Bonaventura kien juża dan il-manwal biex jgħallem it-tejoloġija lill-patrijiet meta kien professur f'Pariġi. Wara li jitkellem minn Alla Trinità u mill-ħolqien tad-dinja, Bonaventura juri l-effett negattiv tad-dnub u r-restawrazzjoni li ġab Kristu fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, li jokkupa l-kapitlu 4, il-parti ċentrali ta' l-opra. Imbagħad ikompli jitkellem dwar il-grazzja, is-sagramenti tal-Knisja u l-eskatoloġija. Għalkemm il-metodu hu tipikament medjevali u skolastiku, il-"Breviloquium" sallum għadu opra mill-isbaħ li tagħti dehra panoramika tat-tejoloġija.

EDWARD COUGHLIN OFM, *Selected Spiritual and Theological Texts*. Opra oħra li se

tkun utli ħafna, u li turi l-valur ta' Bonaventura bħala mistiku u kittieb spiritwali. L-"Opera Omnia" ta' Bonaventura, fil-fatt, tagħtina diversi siltiet ta' natura spiritwali u mistika li, sa issa, ma ġewx tradotti fil-lingwi moderni, ħlief għall-każi ta' opri monumentali bħall-"Itinerarium mentis in Deum" u l-"Lignum vitae".

Fis-sensiela ta' traduzzjonijiet bl-Ingliż ta' pubblikazzjonijiet reċenti ta' studji Franġiskani, l-Franciscan Institute se jippreżenta dawn it-titli ġodda:

JACQUES DALARUN, *Francis and the Feminine: A Path through the Sources*. L-element femminili ta' l-ispiritwalità Franġiskana mhux dejjem ingħata l-importanza li tixraqlu, u din l-opra tipprova tippreżenta fid-dawl veru tiegħu dan l-aspett.

GRADO MERLO, *In the Name of Saint Francis*. Din hi traduzzjoni ta' opra famuża li ħarġet bit-Taljan bit-titlu "Nel Nome di Francesco". Fil-fatt hi bijografija ta' San Franġisk, miktuba minn studjuż modern tal-fonti Franġiskani, u li tiġbor ir-riżultati ta' l-istudji kbar li diġà saru fis-seklu li għadda minn awturi ta' fama mondjali bħalma kienu Paul Sabatier u Arnaldo Fortini. Dawn l-awturi, iżda, kellhom bżonn ta' aġġornamenti kontinwi minħabba li x-xjenzi Franġiskani llum wassluna biex nagħtu valutazzjoni diversa tad-dokumenti storiċi li huma kixfu u ikkonsultaw. Dan il-volum hu ta' għajnuna kbira biex wieħed ikollu viżjoni aġġornata tal-ħajja ta' San Franġisk murija minn dokumenti storiċi.

ROBERTO RUSCONI, *Francis of Assisi in the Sources and Writings*. Din ukoll hi opra li ġiet tradotta mill-oriġinal Taljan "San Francesco d'Assisi nelle Fonti e negli Scritti". Hi waħda mill-opri aġġornati ta' studju dwar il-fonti Franġiskani, fuq il-bażi tal-kitbiet tal-qaddis u tad-dokumenti aġjografiċi tas-sekli 13 u 14.

### *Is-sehem tal-Franġiskani fir-restawrazzjoni tal-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm*

PAOLO PIERRACINI, *Il Ristabilimento del Patriarcato Latino di Gerusalemme e la Custudia di Terra Santa. La Dialettica Istituzionale al tempo del primo Patriarca, Mons. Giuseppe Valerga (1847-1872)*, Studia Orientalia Christianorum, Centro degli Studi Orientali Cristiani del Muski, Cairo, 2006.

Dan hu volum ta' storja ippubblikat fil-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, li jagħti ħarsa lejn il-mument kritiku li fih il-Beatu Papa Piju IX iddeċieda li jerġa' jwaqqaf mill-ġdid il-Patrijarkat Latin ta' Ġerusalemm, li kien ġie interrott wara t-telfa definittiva tal-Kruċjati f'Akri fl-1291. Wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm is-Santa Sede kompliet taħtar Patrijarki titulari Latini ta' Ġerusalemm sa mis-sena 1374, u dawn kienu residenti fil-Bażilika ta' San Lorenzo fuori le Mura f'Ruma.

Il-ktieb ġie ippreżentat uffiċjalment fil-kunvent ta' San Salvatur, Ġerusalemm, fid-19 ta' Ġunju, mill-istess awtur. L-awtur jispjega d-diffikultajiet kbar li nħolqu fir-restawrazzjoni ta' Patrijarkat Latin f'Ġerusalemm, li għal sekli twal kellha biss Patrijarka wieħed, dak Grieg Ortodoss. Dan il-ġest naturalment ħoloq tensjoni kbira bejn il-Knisja Kattolika u di Griega Ortodossa, u reġgħu inqalgħu kwestjonijiet antiki ta' tensjoni minn żmien il-Kruċjati, li kienu keċċew il-Patrijarka Grieg Ortodoss biex għamlu Patrijarki Latini.

Il-problema, iżda, kellha wkoll x'taqsam mal-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa. Sa mill-bidu tas-seklu 14 il-Franġiskani kienu l-uniċi li kienu preżenti fl-Art Imqaddsa. Il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa kien meqjus bħala l-kap spiritwali tal-komunità kristjana Latina li tgħix f'Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa, u kien Vigarju Apostoliku ta' l-Orjent u Ordinarju tas-Santwarji tal-Fidwa. Il-ħatra ta' Patrijarka Latin li ħa f'idejh it-tmexxija pastorali tal-Kattoliċi Latini kellha bilfors tnissel diffikultajiet inizjali fir-relazzjonijiet bejn il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa u l-Patrijarkat Latin, li sab ruħu pastoralment responsabbli minn parroċċi u santwarji li, effettivament kienu f'idejn Ordni reliġjuż (l-Ordni tal-Patrijiet Minuri) għal diversi sekli.

Dan il-volum hu ta' interess kbir għal min irid jifhem ukoll il-qagħda attwali tal-Knisja Kattolika fl-Art Imqaddsa, l-aktar rigward id-drittijiet marbutin ma' liġijiet ta' "status quo" fis-Santwarji, u l-mod kif il-Patrijarkat Latin u l-Kustodja Franġiskana jaħdmu flimkien f'isem il-Knisja Kattolika favur din il-missjoni importanti.

## *Fontes ta' Santa Klara (fl-istampa)*

L-edizzjoni kritika tal-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi bil-Malti ilha f'idejna minn Ottubru 2005. Żewġ volumi li fihom ġbarna, għall-ewwel darba, il-kitbiet ta' San Franġisk u l-bijografiji prinċipali tas-sekli 13 u 14, magħrufin ġenerikament bħala "Fontes Franciscani".

Din is-sena jmiss li noffru edizzjoni kritika ġdida tal-Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara t'Assisi. Dan qegħdin nagħmluh għax ma jistax ikun li titkellem dwar San Franġisk mingħajr ma ssemmi lill-"pianticella", jew "xitla ċkejkna" tiegħu. Klara, bint Favarone di Offreduccio u Ortolana, imwielda f'Assisi fl-1193, ta' żagħżugħa iddeċidiet li tħalli warajha l-ħajja nobbli li kienet tgħix u marret tingħaqad ma' Franġisku u l-ewwel patrijiet Minuri fil-Porziuncola. Fl-1212, flimkien ma' l-ewwel "Povere Dame", jew Sorijiet Foqra, marret toqgħod fil-kunventin ta' San Damiano, fejn twieled it-Tieni Ordni Franġiskan. Hemmhekk damet tgħix sal-11 ta' Awissu 1253, fil-klawsura, fis-sempliċità u l-faqar. Ġiet dikjarata qaddisa sentejn biss wara mewtha, fl-1255.

Klara wkoll ħallitilna sensiela ta' kitbiet, fosthom Ittri, Regola u Testment. Il-Fonti dwar ħajjitha mhumiex ftit. Fosthom ta' min isemmi l-Proċess ta' Kanonizzazzjoni u l-Leġġenda ta' Santa Klara Verġni, miktubin bejn l-1253 u l-1255.

Fl-okkażjoni tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' Santa Klara, fl-1993, il-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, flimkien mas-Sorijiet Klarissi tal-Monasteru ta' Santa Klara, f'San Ġiljan, kienu ippubblikaw sensiela ta' studji dwar Santa Klara, li kienu jinkludu l-kitbiet tagħha (ippubblikati flimkien ma' dawk ta' San Franġisk fl-1986), bijografija popolari minn P. Guido Schembri OFM, ktieb dwar l-ispiritwalità ta' Klara minn Sr. Marija Immakulata Bellizzi OSC u P. Noel Muscat OFM, u t-traduzzjoni ta' xi "Fontes" ewlenin, fosthom dawk li semmejna, minn P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM.

F'din l-edizzjoni qegħdin niġbru flimkien dan ix-xogħol kollu, biż-żjieda ta' bosta dokumenti Klarjani oħrajn li ġew editi f'dawn l-aħħar snin minn studjużi Franġiskani ta' fama internazzjonali. In-nisġa ta' dan il-volum issegwi fedelment dik taż-żewġ volumi dwar il-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk, u tinkludi introduzzjonijiet u apparat kritiku fin-noti, bibljografija dettaljata, u indiċijiet bibliċi, ta' ismijiet, postijiet u indiċi tematiku.

Dan il-volum sejrin noħorġuh f'kollaborazzjoni fraterna ma' ħutna s-Sorijiet Klarissi, li f'Malta wkoll jesprimu l-kariżma femminili Franġiskana karatterizzata mill-faqar u s-sempliċità, u minn ħajja ta' kontemplazzjoni fil-klawsura. B'sens ta' radd il-ħajr lilhom għall-appoġġ tagħhom u għas-sehem li taw fit-traduzzjoni ta' xi siltiet mill-kitbiet ta' Santa Klara, aħna sejrin nippreżentaw dan il-volum lill-pubbliku Malti, bit-tama li l-figura simpatika ta' Santa Klara, il-mara "imdawwla", issir aktar magħrufa fostna.

Fis-sensiela ta' volumi li bihom nixtiequ niċċelebraw għeluq il-25 sena mill-Edizzjoni TAU tal-Patrijiet Franġiskani (1982-2007), u t-8 ċentinarju mill-fundazzjoni ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri (1209-2009), issa għandna f'idejna studji eżawrjenti dwar San Franġisk u Santa Klara, bit-tama li 'l quddiem noffru volumi simili dwar Sant'Antnin ta' Padova u dwar il-Qaddisin mistiċi Franġiskani.



# «Living the Gospel Today»

*Mill-Instrumentum Laboris tal-Kapitlu Ġenerali Straordinarju 2006*

“

*We are called on to live at the beginning of the third millennium. The Christian faith, faced by a technological, computerised world and its crises: underground wars, terrorism and globalisation, is exposed to all the questions and challenges about God, about His entry into history in the person of Jesus, about the nature of man and about the meaning of his life and death. The Church also is questioned: its role and influence in the world are reduced to banality and opposed. Our Franciscan Family is marked by crisis: numerical reduction, uncertainty about our identity, the temptation of abandonment and of discouragment. Only our referral of self to the Gospel, of which the Rule wishes to be a vital summary, can help us to respond with confidence, imagination and courage to these multiple challenges ... It happens that some present-day challenges have not been accepted in a proper way. We could characterise and sumarise them in a single formula: freeing ourselves from self-centredness, or the referring of all to ourselves, in order to open up to dialogue. This means not concentrating on ourselves alone, on our origins and traditions, without re-situating the latter by referring them to their context and without situating ourselves within a broader whole of which we form a part. We are not an autonomous island, but a small region of a more vast continent: the world and, within it, the Church. Let us not forget that our Order is a small part of the great Franciscan Family, formed by an overwhelming majority of lay (SFO) and consecrated people (TOR): it would be grave, neither fraternal or “ecumenical”, to behave as if we were alone.*

*Kummissjoni Preparatorja*
*għall-Kapitlu Ġenerali Straordinarju 2006.*

”

## Abbrevjazzjonijiet

### Kitbiet ta’ S. Franġisk

| | |
|---|---|
| *Adm* | Admonitiones. |
| *CantAudPov* | Cantico Audite Poverelle. |
| *CantSol* | Canticum fratris Solis. |
| *LaudDei* | Laudes Dei Altissimi. |
| *BenLeo* | Benedictio fratri Leoni data. |
| *EpAnt* | Epistola ad sanctum Antonium. |
| *EpCler I* | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| *EpCler II* | Epistola ad Clericos (Red. posterior). |
| *EpCust I* | Epistola ad Custodes I. |
| *EpCust II* | Epistola ad Custodes II. |
| *EpFid I* | Epistola ad Fideles I. |
| *EpFid II* | Epistola ad Fideles II. |
| *EpLeo* | Epostola ad fratrem Leonem. |
| *EpMin* | Epistola ad Ministrum. |
| *EpOrd* | Epistola toti Ordini missa. |
| *EpRect* | Epistola ad populorum rectores. |
| *ExhLD* | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| *ExpPat* | Expositio in Pater noster. |
| *FormViv* | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| *Fragm* | Fragmenta alterius RegulaeNB. |
| *LaudHor* | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| *OffPass* | Officium Passionis Domini. |
| *OrCruc* | Oratio ante crucifixum. |
| *RegB* | Regula bullata. |
| *RegNB* | Regula non bullata. |
| *RegEr* | Regula pro eremitoriis data. |
| *SalBMV* | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| *SalVirt* | Salutatio virtutum. |
| *Test* | Testamentum. |
| *UltVol* | Ultima voluntas S. Clarae scripta. |

### Fonti ta’ S. Franæisk

| | |
|---|---|
| *1C* | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci*. |
| *LCh* | Celano, *Legenda ad usum chori*. |
| *2C* | Celano, *Memoriale in Desiderio Animae.* |
| *3C* | Celano, *Tractatus de Miraculis S. Francisci*. |
| *LJS* | Julian of Speyer, *Vita Sancti Francisci*. |
| *OR* | *Officium Rhythmicum S. Francisci*. |
| *AP* | *Anonimo Perugino.* |
| *L3C* | *Leggenda dei Tre Compagni.* |
| *CA* | *Compilatio Assisiensis.* |
| *LM* | S. Bonaventura, *Legenda Maior S. Francisci*. |
| *LMin* | S. Bonaventura, *Legenda minor S. Francisci*. |
| *SP* | *Speculum Perfectionis.* |
| *SC* | *Sacrum Commercium S. Francisci*. |
| *ABF* | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius.* |
| *Fior* | *Fioretti di San Francesco.* |

### Kitbiet u Fonti ta’ S. Klara

| | |
|---|---|
| *BenCl* | Barka ta’ S. Klara. |
| *EpAgn I-IV* | Ittri lil S. Agnese ta’ Praga. |
| *LegCl* | *Legenda Sanctae Clarae Virginis*. |
| *PrivPaup* | *Privilegium Paupertatis.* |
| *ProcCan* | *Processo di Canonizzazzione.* |
| *RegCl* | Regola ta’ S. Klara. |
| *TestCl* | Testment ta’ S. Klara. |